C/2026/3084

10.6.2026

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Dokument ta' gwida għar-Regolament (UE) 2025/40 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(C/2026/3084)

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni

Ir-Regolament (UE) 2025/40 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ([1]) (minn hawn 'il quddiem: PPWR, packaging and packaging waste) daħal fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2025 u se japplika mit-12 ta' Awwissu 2026.

Wara l-adozzjoni tiegħu, u fil-kuntest tal-pakkett omnibus ambjentali tal-Kummissjoni u l-isforzi usa' ta' simplifikazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet għadd sinifikanti ta' mistoqsijiet mingħand il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-PPWR. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha mill-operaturi ekonomiċi u mill-Istati Membri, il-Kummissjoni użat l-aħjar sforzi tagħha biex twieġeb għall-mistoqsijiet imqajma u biex tipprovdi ċarezza u ċertezza legali malajr kemm jista' jkun.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed toħroġ dan id-dokument ta' gwida biex tinterpreta d-dispożizzjonijiet magħżula tal-PPWR, bil-għan li tiffaċilita applikazzjoni uniformi tar-Regolament madwar l-Unjoni. Din il-gwida hija kkomplementata minn sett ta' mistoqsijiet frekwenti (FAQs, frequently asked questions) żviluppati bħala parti mid-djalogu kontinwu tal-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Dan id-dokument ta' gwida huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE, li skontha, l-interpretazzjoni tirrikjedi kunsiderazzjoni mhux biss tal-formulazzjoni ta' dispożizzjoni, iżda wkoll tal-kuntest tagħha u tal-objettivi segwiti mill-att legali li minnu tifforma parti ([2]).

Dan id-dokument ta' gwida ma jissostitwix, ma jżidx ma', u ma jemendax id-dispożizzjonijiet tal-PPWR, li waħedhom jistabbilixxu l-obbligi legali applikabbli. Huwa ma għandux jiġi kkunsidrat b'mod iżolat, iżda jrid jinqara flimkien mal-leġiżlazzjoni rilevanti u ma jikkostitwix referenza awtonoma.

Meta jitqiesu l-kontribut ulterjuri tal-partijiet ikkonċernati u l-esperjenza prattika miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli, dan id-dokument ta' gwida u l-FAQs ta' akkumpanjament jistgħu jiġu aġġornati kif meħtieġ.

Madankollu, l-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE tibqa' l-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Aktar dettalji se jiġu proposti permezz ta' diversi miżuri ta' implimentazzjoni, bħal atti ta' implimentazzjoni, atti delegati, talbiet għal standardizzazzjoni u linji gwida, li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni fis-sentejn jew 3 snin li ġejjin. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tagħti prijorità lill-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ permezz ta' tikkettar diġitali.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2025/40, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/40/oj).

([2]) *KRONE-Verlag*, C-65/20, EU:C:2021:471, il-paragrafu 25.

Werrej

		Paġna
1.	Definizzjoni tal-imballaġġ	3
2.	Definizzjoni ta' manifattur ta' imballaġġ	5
3.	Definizzjoni ta' produttur tal-imballaġġ	7
4.	Definizzjoni ta' importatur u l-istatus ta' "fergħa"	10
5.	Infurzar tar-restrizzjonijiet tas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS, per- and polyfluoroalkyl substances) fl-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel u l-eżawriment tal-istokkijiet	11
6.	Data tal-applikazzjoni tar-rekwiżit li jiġi żgurat li l-imballaġġ ikun riċiklabbli	13
7.	Eżenzjonijiet mill-miri tal-kontenut riċiklat	14
8.	Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jawtorizzaw imballaġġ kompostabbli u preżunzjoni ta' konformità	15
9.	Definizzjoni tat-termini "permeabbli" u "li tirtab wara l-użu" fil-kuntest ta' imballaġġ kompostabbli	16
10.	Minimizzazzjoni tal-imballaġġ	17
11.	Relazzjoni bejn ir-rekwiżiti ta' minimizzazzjoni fl-Artikolu 10 u l-proporzjon ta' spazju vojt fl-Artikolu 24	18
12.	Imballaġġ riutilizzabbli mqiegħed fis-suq qabel l-applikazzjoni tar-rekwiżiti fl-Artikolu 11	19
13.	Kamp ta' applikazzjoni tat-tikkettar armonizzat tal-imballaġġ	20
14.	Tikkettar tal-imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli eżistenti	21
15.	Obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart	22
16.	Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss (SUPD, Single-Use Plastics Directive) u l-PPWR fir-rigward tal-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ	23
17.	Kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ fl-Artikolu 25 u fl-Anness V, il-punti 1–4, fir-rigward tal-kontenut tal-plastik	25
18.	Il-miri tal-użu mill-ġdid għall-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti	25
19.	Il-miri tal-użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport fil-kummerċ internazzjonali	26
20.	Operatur ekonomiku responsabbli għall-miri tal-użu mill-ġdid fuq l-imballaġġ għat-trasport	27
21.	Eżenzjonijiet tal-imballaġġ għat-trasport iddisinjat apposta mill-miri tal-użu mill-ġdid	28
22.	Definizzjoni ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni" fil-kuntest tal-konformità mal-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb	28
23.	Il-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb fis-settur tal-HORECA	29
24.	Eżenzjonijiet nazzjonali mill-miri tal-użu mill-ġdid	29
25.	Flessibbiltajiet tal-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri nazzjonali	30
26.	Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miri ta' riċiklaġġ addizzjonali	31
27.	Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid addizzjonali jew oħla	31
28.	Eżenzjonijiet nazzjonali mis-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu (DRS, Deposit and Return Systems)	33
29.	Rekwiżiti minimi għas-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu (DRS) eżistenti	34
30.	Aċċettazzjoni mill-bejjiegħa bl-imnut ta' kontenitur tax-xorb abbinat ma' depożitu	34
31.	Trattament fi tmiem il-ħajja tal-imballaġġ miġbur separatament li huwa ddisinjat għar-riċiklaġġ	35
32.	Rata ta' ġbir separat tal-imballaġġ abbinat ma' depożitu fl-2026 u obbligu li tiġi stabbilita DRS sal-2029	36
33.	Il-mira ta' ġbir ta' 90 % tal-Istati Membri għal fliexken tax-xorb tal-plastik u bottijiet tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss u l-kontribut ta' skemi reġjonali ta' rifużjoni tad-depożitu	37

1. **Definizzjoni tal-imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 3(1), il-punt (1), jiddefinixxi *"imballaġġ"* bħala *"oġġett, irrispettivament mill-materjal li minnu hu magħmul, li hu maħsub li jintuża minn operatur ekonomiku għaż-żamma, għall-protezzjoni, għall-immaniġġar, għall-konsenja jew għall-preżentazzjoni tal-prodotti lil operatur ekonomiku ieħor jew lil utent finali u li jista' jiġi differenzjat mill-format tal-imballaġġ abbażi tal-funzjoni, tal-materjal u tad-disinn tiegħu,* inkluż:

(a) oġġett li huwa meħtieġ biex iżomm, jappoġġa jew jippreżerva il-prodott matul il-ħajja tiegħu mingħajr ma jkun parti integrali mill-prodott, u li huwa maħsub biex jintuża, jiġi kkunsmat jew jintrema flimkien mal-prodott;

(b) komponent ta' oġġett imsemmi fil-punt (a) li huwa integrat fl-oġġett, u element anċillari għalih;

(c) element anċillari għal oġġett imsemmi fil-punt (a) li huwa mdendel direttament mal-prodott jew imwaħħal miegħu, u li jwettaq funzjoni tal-imballaġġ, mingħajr ma jkun parti integrali mill-prodott u li huwa maħsub biex jintuża, jiġi kkunsmat jew jintrema flimkien mal-prodott;

(d) oġġett li huwa ddisinjat u maħsub li jimtela fil-punt tal-bejgħ biex il-prodott jiġi distribwit, li jissejjaħ ukoll 'imballaġġ ta' servizz';

(e) oġġett li jintrema wara l-użu, li jinbiegħ u jimtela jew huwa ddisinjat u maħsub biex jimtela fil-punt tal-bejgħ u li jwettaq funzjoni ta' imballaġġ;

(f) borża permeabbli tat-te, tal-kafè jew ta' xorb ieħor, jew sistema li tirtab wara l-użu u unita' ta' porzjon wieħed tat-te, tal-kafè jew xorb ieħor, u li hija maħsuba li tintuża u tintrema flimkien mal-prodott;

(g) unità ta' porzjon wieħed mhux permeabbli għas-sistemi tat-te, tal-kafè jew ta' xorb ieħor maħsuba għall-użu f'magna u li tintuża u tintrema flimkien mal-prodott;"

L-Anness I tar-Regolament jipprovdi lista indikattiva ta' oġġetti li huma kkunsidrati bħala imballaġġ u oġġetti li ma humiex. Fir-rigward tal-qsari għall-fjuri u għall-pjanti, inklużi trays taż-żieragħ, l-Anness I jiddistingwi bejn:

"Oġġetti li huma imballaġġ: (...) Qsari għall-fjuri u għall-pjanti, inkluż trays taż-żieragħ, maħsuba biex jintużaw biss għall-bejgħ u t-trasport.

(…)

Oġġetti li ma humiex imballaġġ: Qsari għall-fjuri u għall-pjanti, inkluż it-trays taż-żieragħ, li jintużaw fir-relazzjonijiet bejn in-negozji matul l-istadji differenti tal-produzzjoni jew maħsuba biex jinbiegħu mal-pjanta".

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Jekk oġġett jikkwalifikax bħala imballaġġ irid jiġi vvalutat abbażi tad-definizzjoni ta' imballaġġ stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (1). L-Anness I huwa indikattiv biss u, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([3]) skont id-Direttiva 94/62/KE dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, applikat b'analoġija, l-inklużjoni ta' oġġett fl-Anness I biss ma hijiex biżżejjed biex jiġi kklassifikat bħala imballaġġ. Huwa wkoll neċessarju li jiġi vverifikat jekk l-oġġett jissodisfax l-elementi tad-definizzjoni tal-imballaġġ, b'mod partikolari jekk huwiex maħsub li jintuża minn operatur ekonomiku biex irażżan, jipproteġi, jimmaniġġa, jikkonsenja jew jippreżenta prodott, mingħajr ma jkun parti integrali minn dak il-prodott, u jekk huwiex maħsub li jintuża, jiġi kkonsmat jew jintrema flimkien mal-prodott, jew mingħajr ma jkun jikkostitwixxi komponent integrat jew element anċillari li jwettaq funzjoni ta' imballaġġ.

Pereżempju, jekk tazza tax-xorb tinbiegħ vojta f'supermarket lill-konsumaturi għall-użu privat tagħhom, hija ma titqiesx bħala imballaġġ. Min-naħa l-oħra, jekk is-supermarket jimla dawn it-tazzi bi prodott (eż. kafè) fi stazzjon ta' mili mill-ġdid, tali tazzi huma imballaġġ, b'mod aktar partikolari, imballaġġ ta' "servizz".

([3]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365 31.12.1994, p. 10).

Il-kontenituri tat-tea lights jew tax-xemgħat għall-oqbra, jew kontenituri oħrajn tax-xemgħat, bħal tazzi mimlija u skutelli taċ-ċeramika, ma humiex imballaġġ, minħabba li dawn il-kontenituri ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' imballaġġ fl-Artikolu 3(1), il-punt (1), u "*dwal għal fuq l-oqbra (kontenituri għax-xemgħat)*" huma elenkati bħala eżempji ta' mhux imballaġġ fl-Anness I tar-Regolament.

Fir-rigward tal-films adeżivi użati fil-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, dawn jistgħu jkunu imballaġġ jew le skont il-funzjoni tagħhom. Il-films adeżivi tal-proċessi jistgħu jiġu ddisinjati biex jippermettu jew jiffaċilitaw it-trasformazzjoni ta' materja prima jew intermedja fi prodotti nofshom lesti jew finali, permezz ta' proċessi ta' manifattura. Jekk tali films jibqgħu fuq il-prodotti nofshom lesti sakemm jiġu ttrasformati u/jew assemblati fi prodotti nofshom lesti jew fi prodotti finali sussegwenti, u jaġixxu bħala faċilitaturi taċ-ċiklu tal-manifattura u jindirizzaw il-ħtiġijiet tekniċi distinti ta' tali proċessi, dawn ma jkunux imballaġġ skont l-Artikolu 3(1), il-punt (1).

Il-boroż tat-trab għaż-żraben u għall-ħwejjeġ jitqiesu bħala imballaġġ jekk ikunu maħsuba biex jintużaw għall-konteniment, għall-protezzjoni, għall-immaniġġar, għall-konsenja jew għall-preżentazzjoni ta' prodotti lil utent finali. Ma hemm l-ebda eżenzjoni għall-imballaġġ tat-tessuti mid-definizzjoni ġenerali ta' imballaġġ li tinsab fl-Artikolu 3(1), il-punt (1), iżda l-imballaġġ tal-bejgħ tat-tessuti ([4]) huwa eżentat mir-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà (l-Artikolu 6(11)(g)). Il-boroż tat-trab għall-imballaġġ taż-żraben u tal-ħwejjeġ jistgħu jkunu imballaġġ jekk jissodisfaw id-definizzjoni regolatorja ta' imballaġġ. Dan jiddependi mill-funzjoni tagħhom, jiġifieri jekk jintużawx għat-trażżin jew għall-protezzjoni ta' ħwejjeġ jew żraben matul l-immaniġġar, il-konsenja jew il-preżentazzjoni tagħhom, u mill-użu maħsub tagħhom, jiġifieri, jekk ikunux tqiegħdu fis-suq minn operatur ekonomiku bħala parti minn provvista ta' prodott. Tali oġġetti ma jkunux imballaġġ meta jkunu integrali għall-prodott (jiġifieri parti mill-prodott u meħtieġa għall-użu intrinsiku tiegħu, mhux biss għall-protezzjoni jew l-immaniġġar), jew jekk ma jitqegħdux fis-suq għall-użu fl-imballaġġ, jiġifieri jekk jinbiegħu separatament mill-konsumatur jew jiġu pprovduti mingħajr ħlas f'kuntest mhux kummerċjali.

Il-qsari għall-fjuri u għall-pjanti, inklużi t-trays taż-żrieragħ, jikkwalifikaw bħala imballaġġ meta jkunu maħsuba biex jintużaw għall-bejgħ jew għat-trasport, inklużi qsari u trays, li fihom il-pjanta tkun ġiet ikkultivata fl-aħħar stadju u li fihom tinbiegħ lill-utent finali. Bil-maqlub, il-qsari u t-trays użati mill-operaturi tan-negozju (bħal mixtliet u kultivaturi) bħala parti miċ-ċiklu tal-produzzjoni tagħhom ma humiex imballaġġ, minħabba li huma sempliċiment faċilitaturi taċ-ċiklu tal-manifattura. Dan japplika ħlief għall-aħħar qasrija jew tray li jkun maħsub biex jinbiegħ flimkien mal-pjanta lill-utent finali. Filwaqt li l-kliem kemm għal "imballaġġ" kif ukoll għal "mhux imballaġġ" fl-Anness I jinkludi l-element tal-bejgħ, fil-prattika, il-fjuri u l-pjanti ma jiġux trapjantati fi qsari separati "tat-trasport" jew "tal-bejgħ" għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Pjuttost, l-istess qsari li fihom tkabbru l-pjanti jintużaw ukoll għat-trasport u għall-bejgħ. Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' tali qsari trid issegwi d-definizzjoni ġenerali ta' imballaġġ, tikkunsidra l-funzjoni u l-użu maħsub tagħhom, aktar milli sempliċiment tiddependi fuq il-kliem indikattiv tal-Anness I. Filwaqt li d-definizzjoni ta' imballaġġ tkopri wkoll oġġetti użati fir-relazzjonijiet bejn in-negozji, il-qsari għall-fjuri li sempliċiment jippermettu l-proċess tal-produzzjoni, bħal qsari akbar għat-tkabbir (pereżempju, dawk li għandhom dijametru ta' aktar minn 10 cm) użati matul iċ-ċiklu tal-kultivazzjoni, ma għandhomx jitqiesu bħala imballaġġ skont l-Artikolu 3(1), il-punt (1).

Il-boroż u s-siringi għal użu ġol-vini (IV, intravenous) ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' imballaġġ skont l-Artikolu 3(1), il-punt (1), inkluż meta jitqiegħdu fis-suq mimlijin lesti b'mediċini jew b'salina. Għalkemm fiżikament jista' jkun fihom sustanza, il-boroż u s-siringi IV ma jitqegħdux fis-suq sempliċiment biex ikun fihom, jipproteġu, jittrasportaw jew jippreżentaw prodott. Pjuttost, huma jiġu ddisinjati, manifatturati u regolati bħala apparati integrali għall-kunsinna li jippermettu l-amministrazzjoni sikura, sterili u akkurata ta' fluwidi jew mediċini lill-pazjenti. Meta tiġi fornuta mimlija lesta, il-borża jew is-siringa IV tifforma parti integrali mill-prodott mediċinali jew mediku nnifsu, b'tali mod li l-prodott ma jkunx jista' jwettaq il-funzjoni maħsuba tiegħu indipendentement mill-apparat. F'dan il-kuntest, il-borża jew is-siringa IV ma hijiex komponent tal-imballaġġ li jintrema biex jiġi aċċessat il-kontenut tiegħu, iżda parti funzjonali mill-prodott imqiegħed fis-suq.

([4]) Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (5), "imballaġġ għall-bejgħ" tfisser l-imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi unità tal-bejgħ li tikkonsisti minn prodotti u imballaġġ lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ".

2. **Definizzjoni ta' manifattur ta' imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (13), "*manifattur*" *tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura l-imballaġġ jew prodott fl-imballaġġ; madankollu:*

(a) soġġett għall-punt (b), meta persuna fiżika jew ġuridika jkollha l-imballaġġ jew prodott fl-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat f'isimha jew bit-trademark tagħha stess, irrispettivament minn jekk kwalunkwe trademark oħra tkunx viżibbli fuq l-imballaġġ jew fuq il-prodott fl-imballaġġ, "manifattur" tfisser dik il-persuna fiżika jew ġuridika;

(b) meta l-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-imballaġġ jew prodott fl-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat f'isimha jew bit-trademark tagħha stess tkun koperta mid-definizzjoni ta' mikrointrapriża stipulata fir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE kif applikabbli fil-11 ta' Frar 2025, u l-persuna fiżika jew ġuridika li tforni l-imballaġġ lill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat f'isimha jew bit-trademark tagħha stess tkun tinsab fl-istess Stat Membru, "manifattur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li tforni l-imballaġġ;"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Manifattur huwa persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura l-imballaġġ *jew* prodott fl-imballaġġ. Ma huwiex neċessarjament il-persuna fiżika jew ġuridika li *fiżikament* tipproduċi l-imballaġġ. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati żewġ elementi: (1) ir-rwol fid-disinn jew fil-manifattura tal-kriterju tal-imballaġġ u (2) il-kriterju tat-trademark jew tal-immarkar. Jekk l-imballaġġ jew prodott fl-imballaġġ iġorr ċertu isem jew trademark, jista' jiġi preżunt li s-sid ta' dak l-isem jew it-trademark huwa l-"manifattur" skont l-Artikolu 3(1), il-punt (13)(a), minħabba li jkollu s-setgħa deċiżiva fir-relazzjoni kuntrattwali mal-forniturі tiegħu u, għalhekk, ikun jista' jiddetermina wkoll il-karatteristiċi tal-imballaġġ.

Il-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' manifattur tindika li dejjem hemm manifattur wieħed biss f'katina tal-provvista skont it-tifsira tal-PPWR.

Fir-rigward tal-imballaġġ għall-bejgħ (ħlief l-imballaġġ tas-servizz ([5])), jew l-imballaġġ kollettiv ([6]), il-manifattur normalment ikun l-operatur ekonomiku li japplika l-passi finali tal-ipproċessar (eż. qtugħ, mili, issiġillar) għall-imballaġġ fornut mill-konvertituri (jiġifieri l-forniturі) u jimlih bil-prodott tiegħu sabiex imbagħad iqiegħed l-imballaġġ jew il-prodott fl-imballaġġ fis-suq tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1), il-punti (5)–(6)). Fi kliem ieħor, għall-imballaġġ għall-bejgħ u kollettiv, il-manifattur normalment ikun dak li jimla, li spiss ikun ukoll is-sid tal-marka tal-prodott.

Fir-rigward tal-imballaġġ tat-trasport ([7]), l-imballaġġ tas-servizz (fil-forma finali tiegħu) u l-imballaġġ tal-produzzjoni primarja ([8]), il-manifattur normalment ikun il-kumpanija li timmanifattura l-imballaġġ tat-trasport jew tas-servizz, sakemm tali imballaġġ ma jkunx immarkat b'mod ċar mill-utent ta' tali imballaġġ, billi jġorr isimha jew it-trademark tagħha (l-Artikolu 3(1), il-punti (1)(d) u (7)). F'dan il-każ, l-utent huwa l-manifattur.

Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21, l-importaturi u d-distributuri jistgħu jitqiesu bħala manifatturi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Dan iseħħ meta huma jqiegħdu fis-suq l-imballaġġ taħt isimhom jew taħt it-trademark tagħhom stess jew jimmodifikaw l-imballaġġ diġà mqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament.

([5]) Skont l-Artikolu 3(1), il-punt 1(d), "oġġett li huwa ddisinjat u maħsub biex jimtela fil-punt tal-bejgħ sabiex il-prodott jiġi distribwit, li jissejjaħ ukoll "imballaġġ tas-servizz").

([6]) Skont l-Artikolu 3(1), il-punt 6, "imballaġġ kollettiv" tfisser l-imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi raggruppament ta' ċertu għadd ta' unitajiet ta' bejgħ fil-punt tal-bejgħ, irrispettivament minn jekk dak ir-raggruppament ta' unitajiet ta' bejgħ jinbiegħx kif inhu lill-utent finali jew jekk iservix bħala mezz biex jiffaċilita l-istokkjar mill-ġdid tal-ixkafef fil-punt tal-bejgħ jew biex joħloq unità għaż-żamma tal-istokk jew għad-distribuzzjoni, u li jista' jitneħħa mill-prodott mingħajr ma jiġu affettwati l-karatteristiċi tiegħu".

([7]) Skont l-Artikolu 3(1), il-punt 7, "imballaġġ għat-trasport" tfisser l-imballaġġ maħsub sabiex jiġu ffaċilitati l-immaniġġar u t-trasport ta' unità ta' bejgħ waħda jew aktar jew raggruppament ta' unitajiet ta' bejgħ, sabiex tiġi pprevenuta l-ħsara lill-prodott mill-immaniġġar u t-trasport, iżda li jeskludi kontejners għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-bastimenti u bl-ajru.".

([8]) Skont l-Artikolu 3(1), il-punt 4, "imballaġġ tal-produzzjoni primarja" tfisser oġġett iddisinjat u maħsub biex jintuża bħala imballaġġ għal prodotti mhux ipproċessati mill-produzzjoni primarja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill".

Skont l-Artikolu 15(1), *"Il-manifatturi għandhom biss iqiegħdu fis-suq imballaġġ li huwa konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fi jew skont l-Artikoli 5 sa 12."* Il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità (l-Artikolu 38) tista' titwettaq mill-manifattur jew minn xi ħadd ieħor f'ismu (eż. laboratorju jew skema ta' ċertifikazzjoni), f'konformità mal-Artikolu 15(2). Id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE (l-Artikolu 39) trid tiġi abbozzata mill-manifattur, abbażi tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mill-forniturі skont l-Artikolu 16(1), jew minn rappreżentant awtorizzat, maħtur mill-manifattur b'mandat bil-miktub skont l-Artikolu 17. Dan ifisser li l-manifattur huwa l-uniku operatur ekonomiku li għandu r-responsabbiltà legali għall-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tat-tikkettar, irrispettivament minn min fil-fatt seta' abbozza d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew partijiet minnha.

Madankollu, jekk il-kumpanija li għandha l-imballaġġ jew il-prodott fl-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat taħt isimha stess jew it-trademark tagħha tkun mikrointrapriża, u l-kumpanija li tforni l-imballaġġ tkun tinsab fl-istess Stat Membru, allura dan il-fornitur tal-imballaġġ ikun il-manifattur (l-Artikolu 3(1), il-punt (13)(b)). Dan irrispettivament minn jekk din il-kumpanija tal-aħħar hijiex ukoll mikrointrapriża. Pereżempju, jekk manifattur ta' kontenitur tal-imballaġġ ikun mikrointrapriża, iżda l-manifattur tal-prodott fl-imballaġġ ma jkunx, l-eżenzjoni ma tapplikax. Jekk manifattur ta' kontenitur tal-imballaġġ ma jkunx mikrointrapriża, filwaqt li manifattur ta' prodott fl-imballaġġ ikun, tapplika l-eżenzjoni, u huwa l-manifattur tal-kontenitur li għandu jitqies bħala "manifattur" għall-finijiet tal-PPWR.

Skont ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ([9]), kumpanija hija mikrointrapriża jekk timpjega inqas minn 10 persuni, u l-fatturat annwali jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbiżx EUR 2 miljun. Franchisee tista' titqies bħala mikrointrapriża jekk il-franchisor ma jippossjedix direttament jew indirettament 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tiegħu u ma jeżerċitax kontroll jew influwenza deċiżiva. Jekk jagħmel dan, il-limiti rilevanti jridu jiġu kkalkolati billi tiżdied id-data korrispondenti tal-franchisor, kif meħtieġ mill-Artikoli 3(2) u 3(3) tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE.

Jekk l-imballaġġ ma jkollux trademark jew isem tad-ditta, allura l-"manifattur" jista' jkun jew il-fornitur (jiġifieri l-persuna li fil-fatt timmanifattura l-imballaġġ) jew il-persuna li tqiegħed prodotti fl-imballaġġ fis-suq. Il-kriterju deċiżiv huwa min jagħmel l-ordni u jiddeċiedi dwar l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn għal dak l-imballaġġ.

L-istess approċċ spjegat hawn fuq japplika wkoll għal imballaġġ riutilizzabbli. Il-kriterju deċiżiv huwa min hija l-persuna fiżika jew ġuridika li għandha l-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat taħt isimha stess jew bit-trademark tagħha. Madankollu, huwa utli li dan jiġi ċċarat ulterjorment billi jitqiegħed fil-kuntest ta' sistemi ta' użu mill-ġdid.

Meta l-imballaġġ ikun iddisinjat skont ir-rekwiżiti speċifiċi tal-manifatturi tal-prodott fl-imballaġġ u jġorr it-trademark tagħhom, dawn tal-aħħar (jiġifieri l-utenti) ikunu l-"manifattur" ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Dan se jkun il-każ, b'mod partikolari f'sistemi ta' użu mill-ġdid b'ċirkwit miftuħ ([10]).

Madankollu, jekk kumpanija, li għandha imballaġġ riutilizzabbli ddisinjat u manifatturat taħt isimha u t-trademark tagħha, tkun mikrointrapriża, u l-kumpanija li timmanifattura l-imballaġġ tkun tinsab fl-istess Stat Membru, allura l-kumpanija msemmija l-aħħar tkun il-manifattur. Dan huwa irrispettivament minn jekk il-kumpanija msemmija l-aħħar hijiex ukoll mikrointrapriża.

Meta l-imballaġġ riutilizzabbli jkun iddisinjat skont ir-rekwiżiti speċifiċi ta' operatur ta' sistema ta' użu mill-ġdid u jġorr it-trademark tiegħu, l-operatur tas-sistema ta' użu mill-ġdid ikun il-"manifattur". Dan se jkun il-każ b'mod partikolari f'sistemi ta' użu mill-ġdid b'ċirkwit magħluq ([11]). Meta l-imballaġġ riutilizzabbli ma jġorrx trademark speċifika, il-manifattur tal-imballaġġ ikun il-"manifattur", sakemm l-utent (jiġifieri l-operatur tas-sistema ta' użu mill-ġdid) ma jkunx jista' jiġi identifikat bħala dak li jkun ordna tali imballaġġ u d-disinn speċifiku tiegħu.

([9]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (notifikata skont id-dokument C(2003) 1422) (*ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36*).

([10]) Skont l-Anness VI, il-punt (c), "sistema b'ċirkwit miftuħ" tfisser sistema ta' użu mill-ġdid li fiha l-imballaġġ riutilizzabbli jiċċirkola fost għadd mhux speċifikat ta' parteċipanti fis-sistema, u s-sjieda tal-imballaġġ tinbidel f'punt wieħed jew aktar fil-proċess tal-użu mill-ġdid.

([11]) Skont l-Anness VI, il-punt (b), "sistema b'ċirkwit magħluq" tfisser sistema ta' użu mill-ġdid li fiha l-imballaġġ riutilizzabbli jiġi ċċirkolat minn operatur tas-sistema jew minn grupp ta' parteċipanti fis-sistema li jikkooperaw mingħajr il-bidla tas-sjieda tal-imballaġġ.

3. **Definizzjoni ta' produttur tal-imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

Il-premessa (122) issemmi li *"[D]an ir-Regolament jipprova jiddefinixxi b'mod ċar produttur wieħed għal kull unità tal-imballaġġ, kemm għall-imballaġġ vojt kif ukoll għall-imballaġġ li jkun fih prodotti. Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li l-produttur ikun l-operatur ekonomiku li, bħala manifattur, importatur jew distributur stabbilit fi Stat Membru, iqiegħed għad-dispożizzjoni prodotti fl-imballaġġ mit-territorju ta' dak l-Istat Membru u fuq dak l-istess territorju. Dan jinkludi kwalunkwe offerta għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu li tista' tirriżulta fi provvista effettiva. Għaldaqstant, meta kumpanija tixtri prodott fl-imballaġġ minn Stat Membru ieħor differenti minn dak fejn tinsab il-kumpanija, jew minn pajjiż terz, u tforni dak il-prodott fl-imballaġġ fl-Istat Membru fejn tinsab, jenħtieġ li dik il-kumpanija titqies bħala l-produttur, peress li tkun l-ewwel kumpanija li qiegħdet il-prodott fl-imballaġġ għad-dispożizzjoni fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Fir-rigward tal-pjattaformi online, jenħtieġ li l-offerta inizjali ta' prodott titqies bħala mqegħidha għad-dispożizzjoni fis-sens tad-definizzjoni ta' produttur. Madankollu, biex jiġi minimizzat kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn għan-negozji ż-żgħar li jimlew l-imballaġġ għat-trasport, l-imballaġġ tal-produzzjoni primarja jew l-imballaġġ ta' servizz, kemm jekk bħala imballaġġ li jintuża darba biss jew bħala imballaġġ riutilizzabbli, fil-punt tal-bejgħ, jenħtieġ li l-produttur ikun il-manifattur, id-distributur jew l-importatur ta' imballaġġ bħal dan li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-imballaġġ għall-ewwel darba mit-territorju tal-Istat Membru, peress li dak l-operatur ekonomiku jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jikkonforma mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur."*

L-Artikolu 3(1), il-punt (15) jiddefinixxi "*produttur*" bħala *"kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur li għalih, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod, tapplika waħda minn dawn li ġejjin:*

(a) il-manifattur, importatur jew distributur huwa stabbilit fi Stat Membru u jqiegħed għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u fuq dak l-istess territorju imballaġġ għat-trasport, imballaġġ ta' servizz, jew imballaġġ tal-produzzjoni primarja, bħala imballaġġ li jintuża darba biss jew bħala imballaġġ riutilizzabbli; jew

(b) manifattur, importatur jew distributur huwa stabbilit fi Stat Membru u jqiegħed għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u fuq dak l-istess territorju prodotti ppakkjati f'imballaġġ differenti minn dawk imsemmija fil-punt (a); jew

(c) manifattur, importatur jew distributur huwa stabbilit fi Stat Membru jew f'pajjiż terz u jqiegħed għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, direttament lill-utenti finali, imballaġġ għat-trasport, imballaġġ ta' servizz, jew imballaġġ tal-produzzjoni primarja, kemm bħala imballaġġ li jintuża darba biss jew kif ukoll bħala imballaġġ riutilizzabbli; jew

(d) manifattur, importatur jew distributur huwa stabbilit fi Stat Membru jew f'pajjiż terz u jqiegħed għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, direttament lill-utenti finali, prodotti ppakkjati fl-imballaġġ minbarra dawk imsemmija fil-punt (c); jew

(e) manifattur, importatur jew distributur huwa stabbilit fi Stat Membru u jneħħi l-imballaġġ tal-prodotti fl-imballaġġ mingħajr ma jkun utent finali, sakemm persuna oħra ma tkunx il-produttur kif definit fil-punt (a), (b), (c) jew (d);"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-produtturi u l-manifatturi huma definiti taħt il-PPWR għal skopijiet differenti. Il-produttur huwa responsabbli għall-ħlas tal-kostijiet għall-ġbir u għall-irkupru tal-iskart mill-imballaġġ fl-Istat Membru rispettiv (l-Artikolu 45(1)). Għal dan il-għan, produttur irid jirreġistra u jirrapporta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif speċifikat fl-Artikolu 44 u jħallas it-tariffa tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR, extended producer responsibility) fl-Istat Membru, li fih l-imballaġġ ikun mistenni li jsir skart. Jekk it-tariffi jitħallsu fi Stat Membru, u wara distributur jagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, it-tariffi jridu jiġu rimborżati. Min-naħa l-oħra, il-manifattur irid jiżgura li l-imballaġġ jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tat-tikkettar speċifikati fl-Artikoli 5–12, kif speċifikat fl-Artikolu 15(1), qabel ma jsir disponibbli fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba. Hemm manifattur wieħed biss fl-UE kollha (ara t-taqsima 3 hawn fuq).

Ħarsa ġenerali lejn ir-rwoli differenti tal-manifatturi u tal-produtturi fil-PPWR

	Manifattur	Produttur
Definizzjoni	Il-manifatturi tal-imballaġġ jew ta' prodott fl-imballaġġ. Skont dan ta' hawn fuq, ma hijiex il-persuna li timmanifattura l-imballaġġ iżda l-persuna li "tordna u tiddeċiedi dwar l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn għall-imballaġġ" Eżenzjoni għas-sidien tal-marki meta jkunu mikrointrapriżi, u l-persuna li tforni l-imballaġġ tkun tinsab fl-istess Stat Membru.	Kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur li jagħmel l-imballaġġ jew il-prodotti fl-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba fl-Istat Membru fejn ikun preżenti jew direttament lill-utenti finali fi Stat Membru ieħor.
Kwantità	Operatur ekonomiku wieħed madwar l-UE kollha.	L-operatur ekonomiku li jagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-imballaġġ huwa mistenni li jsir skart.
Funzjoni	Jiżgura l-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tat-tikkettar.	Jiffinanzja l-immaniġġar tal-iskart fl-Istat Membru fejn l-imballaġġ huwa mistenni li jsir skart.

"Produttur" huwa l-kumpanija eliġibbli fil-katina tad-distribuzzjoni u tal-provvista li hija responsabbli biex tissodisfa l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur fi Stat Membru (l-Artikolu 45).

Il-PPWR ifittex li jiddefinixxi b'mod ċar produttur wieħed għal kull imballaġġ, kemm jekk ikun għal imballaġġ vojt, bħall-imballaġġ tat-trasport u ta' servizz, jew sitwazzjonijiet fejn l-imballaġġ isir disponibbli fis-suq li jkun fih prodotti, li huwa l-każ għall-imballaġġ għall-bejgħ u għall-imballaġġ kollettiv.


Sabiex jiġi ddeterminat f'liema Stat Membru japplikaw l-obbligi tal-EPR, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat fejn l-imballaġġ isir disponibbli għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. Fil-prattika, dan ġeneralment ikun fejn jimtela l-imballaġġ.

Id-definizzjoni ta' produttur tfittex li tidentifika l-operatur ekonomiku li huwa responsabbli għall-obbligi tal-EPR, kemm jekk ikun il-manifattur, l-importatur jew id-distributur, fl-Istat Membru li fih il-prodott fl-imballaġġ isir disponibbli għall-konsum u b'hekk huwa mistenni li jsir skart. Konsegwentement, il-manifattur u l-produttur mhux dejjem ikunu l-istess operatur ekonomiku, u l-produttur tal-imballaġġ se jiddependi fuq 1) it-tip ta' imballaġġ li jsir disponibbli fis-suq, 2) jekk huwiex fl-istess Stat Membru fejn jiġi manifatturat, u 3) jekk il-prodott fl-imballaġġ jinbiegħx lill-utent finali jew jiġix distribwit ulterjorment.

Jekk l-imballaġġ jew il-prodotti fl-imballaġġ jiġu esportati barra mill-UE, fejn ikunu mistennija li jsiru skart, l-obbligi estiżi tal-produttur skont il-PPWR ma jibqgħux japplikaw għall-produttur.

L-imballaġġ spiss ikun parti minn katina twila ta' provvista u distribuzzjoni fejn isir disponibbli diversi drabi. Irrispettivament minn jekk l-imballaġġ huwiex magħmul disponibbli ulterjorment fl-istess Stat Membru jew mid-daqs tal-operatur ekonomiku, il-produttur huwa l-operatur ekonomiku li jagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba fl-Istat Membru. It-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jinkludi kwalunkwe offerta għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu li tista' tirriżulta fil-provvista reali tal-imballaġġ jew tal-prodotti fl-imballaġġ. Fil-każ ta' bejgħ online, l-offerta ta' prodott direttament lil utent finali titqies bħala li jsir disponibbli fis-suq fl-Istat Membru tal-utent finali.

Hawn taħt tingħata dijagramma ta' dimostrazzjoni ta' kif il-produttur fl-UE jista' jiġi identifikat.



Sabiex jiġu identifikati l-produtturi tal-imballaġġ għat-trasport, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati d-definizzjoni ta' produttur u l-fatturi li ġejjin:

(1) L-oġġett huwa lest biex iservi funzjoni ta' imballaġġ? L-imballaġġ għat-trasport spiss ikun jikkonsisti f'diversi komponenti jew elementi anċillari, li fihom infushom ma jservux funzjoni ta' imballaġġ. Għalhekk, jekk imballaġġ ikun lest biss biex iservi funzjoni ta' imballaġġ wara li jiżdiedu komponenti oħrajn, min jagħmel l-assemblaġġ ikun il-manifattur u l-ewwel produttur potenzjali.

(2) Min huwa l-manifattur tal-imballaġġ tat-trasport? Kuntrarju għall-imballaġġ għall-bejgħ u kollettiv, produttur tal-imballaġġ għat-trasport irid jiġi identifikat għall-imballaġġ vojt, minħabba li spiss ikun l-imballaġġ vojt li jsir disponibbli fis-suq għall-ewwel darba. Madankollu, jekk l-imballaġġ għat-trasport ikollu isem jew trademark, il-produttur normalment ikun dak li jimla l-imballaġġ. Jekk l-imballaġġ għat-trasport ma jkunx identifikabbli b'mod uniku, allura l-manifattur reali tal-imballaġġ normalment ikun il-produttur (għal aktar dettalji, ara l-punt 3 rigward id-definizzjoni ta' manifattur).

(3) F'liema Stat Membru u għal min isir disponibbli l-imballaġġ? Jekk l-imballaġġ għat-trasport isir disponibbli għall-ewwel darba fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn jinsab il-manifattur tal-imballaġġ, il-manifattur ikun il-produttur biss, jekk ir-riċevitur ikun l-utent finali tal-prodott fl-imballaġġ. Jekk dan ma jkunx il-każ, ir-riċevitur ikun il-produttur.

Pereżempju, il-Kumpanija A timmanifattura kaxxi tal-kartun kbar mingħajr isem jew trademark fi Stat Membru. Il-Kumpanija A tbigħ il-kaxxi tal-kartun vojta lill-Kumpanija B fl-istess Stat Membru. F'din it-tranżazzjoni, il-Kumpanija A hija l-produttur. Madankollu, jekk il-kaxxa tal-kartun ikollha l-isem jew it-trademark tal-Kumpanija B, il-Kumpanija B issir il-produttur f'dak l-Istat Membru. Madankollu, jekk il-Kumpanija B tbigħ il-kaxxi tal-kartun mimlija lill-Kumpanija Ċ fi Stat Membru ieħor, il-produttur ikun il-Kumpanija Ċ fl-Istat Membru l-ieħor. Fl-aħħar nett, jekk il-kaxxi tal-kartun jiġu esportati lejn pajjiż terz, ma jkun hemm l-ebda produttur, f'ebda Stat Membru, minħabba li l-kaxxi ma humiex mistennija li jsiru skart fl-UE.

Fir-rigward tal-produtturi tal-imballaġġ tal-bejgħ, il-produttur huwa l-operatur ekonomiku li jimla l-imballaġġ u jagħmlu disponibbli għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru. Sabiex nagħtu eżempju, il-Kumpanija D timla l-frott f'kontenitur u tbigħ il-frott ippakkjat lil supermarket fl-istess Stat Membru. F'dan il-każ, il-Kumpanija D titqies bħala l-produttur f'dak l-Istat Membru, minħabba li tagħmel l-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba u l-imballaġġ huwa mistenni li jsir skart hemmhekk. Madankollu, jekk il-Kumpanija D tbigħ il-frott ippakkjat lil supermarket fi Stat Membru ieħor, is-supermarket f'dak l-Istat Membru jkun il-produttur, minħabba li jagħmel il-frott ippakkjat disponibbli fis-suq għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru, fejn dan isir skart.

Fis-sitwazzjoni deskritta fl-Artikolu 3(1), il-punt (15)(d), il-produttur huwa identifikat bħala manifattur, importatur jew distributur li jagħmel il-prodotti ppakkjati direttament disponibbli għall-ewwel darba għall-utenti finali fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (23), *"utent finali"* huwa persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi fl-UE u li għaliha, prodott ikun sar disponibbli jew bħala konsumatur jew bħala utent finali professjonali, u li ma tagħmilx dak il-prodott disponibbli ulterjorment fis-suq fil-forma fornuta lilha. Sabiex nagħtu aktar eżempji, bl-użu tal-eżempju ta' hawn fuq, jekk il-Kumpanija D ikollha ħanut online fejn tbigħ frott ippakkjat lil utent finali tal-frott fi Stat Membru ieħor, il-Kumpanija D tkun il-produttur u trid tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fl-Istat Membru l-ieħor.

Għalhekk, il-fattur determinanti se jkun jekk l-utent finali professjonali jużax il-prodott fil-produzzjoni tiegħu u, b'hekk, ma jagħmilx il-prodott disponibbli ulterjorment fil-forma li fiha ġie fornut. Il-kumpaniji tal-loġistika li jirċievu oġġetti fl-imballaġġ importati minn pajjiżi terzi u jwettqu attivitajiet ta' mmaniġġar, bħall-ispakkjar jew l-ippakkjar mill-ġdid fi kwantitajiet iżgħar qabel ma jibagħtu l-prodott fl-imballaġġ, ma għandhomx jitqiesu bħala utenti finali. Pjuttost, huma l-produttur tal-imballaġġ għat-trasport jekk il-prodott jiġi ppakkjat mill-ġdid, anke jekk ma jkollhomx is-sjieda tal-prodotti fl-imballaġġ.

4. **Definizzjoni ta' importatur u l-istatus ta' "fergħa"**

Dispożizzjoni legali:

L-Artikolu 3(1), il-punt (17) jistabbilixxi d-definizzjoni ta' *"importatur"* bħala *"kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed imballaġġ minn pajjiż terz fis-suq."*

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Id-definizzjoni ta' importatur hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' *"importatur"* fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament (UE) 2019/1020 ([12]) u għandha tiġi interpretata f'konformità mal-gwida interpretattiva ġenerali prevista fil-Gwida Blu ([13]). Minn dik id-definizzjoni jirriżulta li jridu jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: (a) stabbiliment fl-UE, u (b) tqegħid fis-suq ta' imballaġġ jew prodotti fl-imballaġġ li joriġinaw minn barra l-UE.

Il-kunċett ta' "stabbilit" irid jiġi interpretat bħala li għandu indirizz irreġistrat fi Stat Membru biex jiżgura l-ġuriżdizzjoni għall-infurzar u s-sorveljanza tas-suq, kif ukoll garanzija li hemm parti responsabbli fl-Unjoni għall-konformità, it-traċċabbiltà u l-azzjonijiet korrettivi.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, fergħa ma tkunx entità legali separata u, minħabba li topera biss taħt l-identità tal-kumpanija omm, hija ma tassumix id-drittijiet jew l-obbligi b'mod indipendenti. Għalhekk, il-kuntratti konklużi minn fergħa huma legalment vinkolanti fuq il-kumpanija omm.

([12]) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (*ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1*).

([13]) Avviż tal-Kummissjoni — Il-"Gwida Blu" dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-prodotti tal-UE tal-2022 (*ĠU C 247, 29.6.2022, p. 1*).

Skont il-liġijiet tat-taxxa nazzjonali u tal-UE, fergħa tipikament tiġi ttrattata bħala stabbiliment permanenti ([14]) għal finijiet ta' taxxa. Madankollu, il-fatt li jkun hemm obbligi tat-taxxa u reġistrazzjoni tat-taxxa ma jagħtix personalità ġuridika separata u ma jbiddilx l-istatus tal-fergħat għall-konformità regolatorja. Diversi deċiżjonijiet tal-QĠUE ([15]) jikkonfermaw li stabbiliment permanenti ma huwiex ekwivalenti għal inkorporazzjoni.

Minħabba li fergħa ma għandhiex personalità ġuridika separata, hija ma tistax tikkwalifika bħala importatur skont il-PPWR. Ir-rekwiżit li tkun *"stabbilita"* jirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika inkorporata fl-UE, mhux biss uffiċċju tal-fergħa. Fergħa tista' ssir entità ġuridika separata (jiġifieri, sussidjarja) meta tkun inkorporata skont il-liġi ta' Stat Membru, ikollha l-personalità ġuridika, id-drittijiet u l-obbligi tagħha stess, u jista' jkollha l-assi tagħha stess, filwaqt li tħarrek u tiġi mħarrka b'mod indipendenti.

Għalhekk, manifattur mhux tal-UE b'fergħa biss fl-UE jrid jew jinkorpora sussidjarja fl-UE, jew jaħtar rappreżentant awtorizzat kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (19) jekk ikun meħtieġ hekk mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun qed jagħmel l-imballaġġ jew il-prodotti fl-imballaġġ disponibbli għall-ewwel darba.

L-istess raġunament japplika għall-kwistjoni ta' jekk fergħa ta' persuna fiżika jew ġuridika mhux tal-UE tistax tkun *"distributur"*, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (18).

L-obbligi tal-EPR previsti fil-PPWR japplikaw għal *"produtturi"* (manifatturi, importaturi jew distributuri) li jagħmlu disponibbli għall-ewwel darba l-imballaġġ jew il-prodotti fl-imballaġġ fit-territorju ta' Stat Membru (ara l-punt 4 ta' dan id-dokument). Ir-Regolament ma jestendix b'mod espliċitu l-obbligi tal-EPR għal entitajiet li huma rreġistrati biss għall-VAT jew li għandhom stabbiliment permanenti mingħajr personalità ġuridika. L-argument li r-reġistrazzjoni tal-VAT waħedha hija ugwali għal *"stabbiliment"* għall-finijiet tal-obbligi tal-EPR jikkontradixxi d-definizzjoni armonizzata ta' importatur fl-Artikolu 3(1), il-punt (17). L-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti addizzjonali li jimminaw l-armonizzazzjoni tal-kunċett ta' produttur u importatur skont il-PPWR.

5. Infurzar tar-restrizzjonijiet tas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS, per- and polyfluoroalkyl substances) fl-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel u l-eżawriment tal-istokkijiet

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 3(1), il-punt (13), jiddefinixxi *"manifattur"* bħala *"persuna fiżika jew ġuridika"* li *"jkollha l-imballaġġ jew prodott fl-imballaġġ iddisinjat jew immanifatturat f'isimha jew bit-trademark tagħha stess, irrispettivament minn jekk kwalunkwe trademark oħra tkunx viżibbli fuq l-imballaġġ jew fuq il-prodott fl-imballaġġ (…)."*

L-Artikolu 3(1), il-punt (10), jiddefinixxi *"tqegħid fis-suq"* bħala *"l-imballaġġ jitqiegħed għad-dispożizzjoni, għall-ewwel darba, kemm vojt jew bi prodott, fis-suq tal-Unjoni"*. L-Artikolu 3(1), il-punt (11), jiddefinixxi *"tqegħid għad-dispożizzjoni fit-territorju tal-Istat Membru"* bħala *"kwalunkwe provvista tal-imballaġġ, kemm vojt jew bi prodott, għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu (...) kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru."*

L-Artikolu 5(5) jiddikjara: *"Mit-12 ta' Awwissu 2026, l-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel ma għandux jitqiegħed fis-suq jekk ikun fih sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) f'konċentrazzjoni ugwali għall-valuri ta' limitu li ġejjin jew ogħla, sal-punt li t-tqegħid fis-suq tal-imballaġġ li jkun fih din il-konċentrazzjoni ta' PFAS ma jkunx ipprojbit skont att legali ieħor tal-Unjoni:*

(a) 25 ppb għal kwalunkwe PFAS kif imkejjel b'analiżi tal-PFAS fil-mira (PFAS polimeriċi eskluż mill-kwantifikazzjoni);

(b) 250 ppb għat-total tal-PFAS imkejjel bħala t-total tal-analiżi tal-PFAS fil-mira, fejn applikabbli b'degradazzjoni preċedenti tal-prekursuri (PFAS polimeriċi eskluż mill-kwantifikazzjoni); u

([14]) Skont l-Artikolu 5 tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development), "stabbiliment permanenti" tfisser post fiss ta' negozju li permezz tiegħu jitwettaq kompletament jew parzjalment in-negozju ta' intrapriża. Dan jinkludi b'mod speċjali: (a) post ta' maniġment, (b) fergħa, c) u uffiċċju (…).

([15]) Sentenza tas-7 ta' April 2022, *Berlin Chemie*, C-333/20, EU:C:2022:291; Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, *Adient*, C-533/22, EU:C:2024:501.

(c) 50 ppm għall-PFASs (inkluż il-PFAS polimeriċi); jekk il-fluworu totali jaqbeż il-50 mg/kg il-manifattur, l-importatur jew l-utent downstream, kif definit rispettivament fl-Artikolu 3, il-punti (9), (11) u (13), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu, fuq talba, jipprovdi lill-manifattur jew lill-importatur kif definiti rispettivament fl-Artikolu 3(1), il-punti (13) u (17) ta' dan ir-Regolament prova tal-kwantità tal-fluworu mkejjel bħala kontenut ta' PFAS jew mhux PFAS sabiex dawk ifasslu d-dokumentazzjoni teknika kif imsemmija fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel huwa imballaġġ li huwa maħsub biex jiġi f'kuntatt mal-ikel jew li diġà huwa f'kuntatt mal-ikel u kien maħsub għal dak il-għan, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza kif imsemmija fil-PPWR, abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1020 dwar ir-regoli tas-sorveljanza tas-suq, huma kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mal-limiti tal-PFAS.

Jeżistu diversi protokolli u metodoloġiji biex tiġi ttestjata l-preżenza tal-PFAS f'matriċi differenti, iżda ma hemm l-ebda metodoloġija armonizzata għall-PFAS fl-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa rrakkomandat l-approċċ gradwali li ġej, ibbażat fuq kapaċitajiet analitiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u meta-analiżi tal-ittestjar tal-PFAS tal-matriċi rilevanti, sabiex jiġu infurzati l-limiti tal-PFAS mid-data tal-applikazzjoni tagħhom, jiġifieri t-12 ta' Awwissu 2026:

(1) Kwantifikazzjoni tal-Fluworu Totali (FT) (pass 1): Jekk l-FT ikun inqas minn 50 mg/kg ([16]), il-kampjun jista' jitqies konformi.

(2) Jekk l-FT ikun ogħla minn 50 mg/kg, jistgħu jintużaw metodi bħall-piroliżi-GC/MS biex jiġi kkonfermat jekk il-fluworu huwiex organiku (PFAS) jew inorganiku fil-pass 2. Jekk il-fluworu organiku jkun inqas minn 50 mg/kg, il-kampjun jista' jitqies konformi.

(3) L-analiżi diretta tal-prekursuri ossidizzabbli totali (TOP, total oxidizable precursors) hija rrakkomandata biex tiġi vverifikata l-konformità mal-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 25 µg/kg ([17]) u 250 µg/kg fil-pass 3.

Abbażi tal-evidenza li bħalissa hija disponibbli għall-Kummissjoni, il-kampjuni kollha konformi mat-test (1) huma konformi wkoll mat-testijiet (2) u (3).

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 għall-kontrolli mwettqa għall-verifika tal-konformità mar-regoli dwar il-materjali u l-oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, inklużi r-regoli stipulati fl-Artikolu 5(5) tal-PPWR.

Fir-rigward tal-imballaġġ li jkun fih il-PFAS, li jkun ġie prodott qabel it-12 ta' Awwissu 2026, il-PPWR ma jipprevedix perjodu tranżitorju għall-eżawriment tal-istokkijiet. Għalhekk, l-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel imqiegħed fis-suq wara t-12 ta' Awwissu 2026 irid jikkonforma mal-limiti tal-PFAS stipulati f'dan ir-Regolament, filwaqt li l-imballaġġ imqiegħed fis-suq qabel it-12 ta' Awwissu 2026 jista' jibqa' fis-suq u ma hemmx bżonn jiġi rtirat. Ma hemm l-ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-imballaġġ li fih materjal riċiklat.

B'mod ġenerali, l-imballaġġ għall-bejgħ u kollettiv li jiġi f'kuntatt mal-ikel jitqiegħed fis-suq meta jimtela, sa fejn il-passi finali tal-ipproċessar, bħall-proċessi tal-issiġillar, jistgħu jinfluwenzaw il-konformità tal-imballaġġ, filwaqt li l-imballaġġ għat-trasport u tas-servizz jitqiegħed fis-suq vojt.

F'konformità mal-Gwida Blu dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-prodotti tal-UE ([18]), it-tqegħid fis-suq iseħħ meta jkun hemm offerta jew ftehim bejn il-partijiet rigward *"it-trasferiment tas-sjieda, tal-pussess jew ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà"*. Dan jista' jsir *"bi ħlas jew mingħajr ħlas"* ladarba jitlesta stadju tal-manifattura tal-prodott. Konsegwentement, manifattur jista' jqiegħed imballaġġ vojt jew mimli li jiġi f'kuntatt mal-ikel fis-suq permezz ta' sempliċi trasferiment tal-pussess legali. Għall-imballaġġ importat jew għall-prodotti fl-imballaġġ, il-kronogramma rilevanti hija r-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera" fi tmiem il-proċedura doganali.

([16]) mg/kg = ppm.
([17]) µg/kg = ppb.
([18]) Avviż tal-Kummissjoni — Il-"Gwida Blu" dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-prodotti tal-UE tal-2022 (ĠU C 247, 29.6.2022, p. 1).

6. **Data tal-applikazzjoni tar-rekwiżit li jiġi żgurat li l-imballaġġ ikun riċiklabbli**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 6(1): "*L-imballaġġ kollu mqiegħed fis-suq għandu jkun riċiklabbli.*"

L-Artikolu 6(2): "*L-imballaġġ għandu jitqies bħala riċiklabbli jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) huwa ddisinjat għar-riċiklaġġ tal-materjal, li jippermetti l-użu tal-materja prima sekondarja li tirriżulta li hija ta' kwalità suffiċjenti meta mqabbla mal-materjal oriġinali li tista' tintuża biex tissostitwixxi materja prima primarja, f'konformità mal-paragrafu 4; u

(b) meta jsir skart, dan jista' jinġabar separatament f'konformità mal-Artikolu 48(1) u (5), isseparat fi flussi ta' skart speċifiċi mingħajr ma jaffettwa r-riċiklabbiltà ta' flussi ta' skart oħra u rriċiklat fuq skala kbira, abbażi tal-metodoloġija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

L-imballaġġ li jkun konformi mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 għandu jitqies li jikkonforma mal-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-imballaġġ li jkun konformi mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 5 għandu jitqies li jikkonforma maż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030 jew 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, skont liema tiġi l-aħħar.

Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2035 jew, fir-rigward tar-rekwiżit tar-riċiklaġġ fuq skala kbira, mill-1 ta' Jannar 2035 jew ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 5, skont liema tiġi l-aħħar."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 6(1) jirrikjedi li l-imballaġġ kollu mqiegħed fis-suq ikun riċiklabbli mingħajr ma tiġi pprovduta skadenza speċifika għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li jfisser li dan japplika mit-12 ta' Awwissu 2026.

L-Artikolu 6(2)(a) *"għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030 jew 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, skont liema tiġi l-aħħar"*. Skont l-Artikolu 6(4), dan l-att delegat, li se jarmonizza bis-sħiħ id-disinn għar-rekwiżiti tar-riċiklaġġ u l-metodoloġija ta' valutazzjoni relatata, jenħtieġ li jiġi adottat mill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2028.

L-Artikolu 6(1) huwa simili għal rekwiżit essenzjali fil-punt 3(a) tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (minn hawn 'il quddiem, il-PPWD, Packaging and Packaging Waste Directive), relatat mal-imballaġġ li jista' jiġi rkuprat fil-forma ta' riċiklaġġ tal-materjal, iżda ma huwiex l-istess. Pereżempju, filwaqt li l-PPWD kien fiha "rekwiżiti essenzjali" dwar il-kompożizzjoni u d-disinn tal-imballaġġ, hija ma ħolqitx obbligu ta' dokumentazzjoni teknika uniformi marbut ma' kriterji armonizzati ta' riċiklabbiltà. Barra minn hekk, il-lingwaġġ tar-rekwiżit essenzjali dwar "L-imballaġġ li jista' jigi rkuprat fil-forma ta' materjal riċiklat" (l-Anness II, il-punt 3(a), tal-PPWD) kien vag u diffiċli biex jiġi infurzat legalment. Għalhekk, għandu jkun mifhum li sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2)(a) tal-PPWR dwar id-disinn għar-rekwiżiti tar-riċiklaġġ, il-manifatturi jridu jikkonformaw biss mar-rekwiżiti f'konformità mal-PPWD u mal-istandards armonizzati relatati (eż EN 13430:2004 - Rekwiżiti għall-imballaġġ li jista' jiġi rkuprat permezz tar-riċiklaġġ tal-materjal ([19])).

([19]) ĠU C 44, 19.2.2005, p. 23.

Mill-adozzjoni tal-att delegat skont l-Artikolu 6(4) 'il quddiem, il-manifatturi se jkollhom 24 xahar biex jikkonformaw mad-disinn għar-rekwiżiti tar-riċiklaġġ u jiżguraw li jitqiegħed fis-suq biss l-imballaġġ li huwa riċiklabbli fis-sens tal-PPWR. Jekk dan l-att delegat jidħol fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar 2028, ir-rekwiżiti għandhom japplikaw 24 xahar minn din id-data.

Il-manifatturi ma għandhomx bżonn iwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 38 u l-Anness VII tal-PPWR għar-riċiklabbiltà sad-dħul fis-seħħ tal-att(i) delegat(i) skont l-Artikolu 6(4) tal-PPWR.

7. **Eżenzjonijiet mill-miri tal-kontenut riċiklat**

Dispożizzjonijiet legali:

Il-Premessa (50): *"Il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li fihom plastik riċiklat iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616, inkluż rekwiżiti dwar it-teknoloġiji tar-riċiklaġġ. Fir-rigward tal-imballaġġ tal-plastik, ħlief meta dak l-imballaġġ ikun magħmul mill-polietilentereftalat (PET), huwa xieraq li tiġi vvalutata mill-ġdid id-disponibbiltà ta' teknoloġiji tar-riċiklaġġ xierqa għal tali imballaġġ tal-plastik fi żmien biżżejjed qabel id-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti relatati għall-kontenut riċiklat. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tkopri wkoll l-istat tal-awtorizzazzjoni skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni u l-installazzjoni fil-prattika ta' tali teknoloġija. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jista' jkun hemm bżonn li jiġu previsti derogi mir-rekwiżiti tal-kontenut riċiklat għal imballaġġ speċifiku tal-plastik sensittiv għall-kuntatt jew li tiġi emendata l-lista ta' eċċezzjonijiet stipulata f'dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE."*

L-Artikolu 7(5) jiddikjara li *"Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal:*

(a) l-imballaġġ tal-plastik li huwa maħsub li jiġi f'kuntatt mal-ikel fejn il-kwantità ta' kontenut riċiklat ikun ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem u jirriżulta f'nuqqas ta' konformità tal-prodotti fl-imballaġġ mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004;

(b) kwalunkwe parti tal-plastik li tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-piż totali tal-unità sħiħa tal-imballaġġ."

L-Artikolu 7(12): *"Sal-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa għal derogi mill-perċentwali minimi ta' kontenut riċiklat stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (d), għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku, jew ir-reviżjoni tal-lista ta' eċċezzjonijiet fil-paragrafu 4 għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku.*

Abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta t-teknoloġiji tar-riċiklaġġ xierqa għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik ma jkunux awtorizzati skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni jew ma jkunux disponibbli biżżejjed fil-prattika, filwaqt li jitqies kwalunkwe rekwiżit relatat mas-sikurezza, speċjalment fir-rigward tal-imballaġġ tal-plastik sensittiv għall-kuntatt, inkluż l-imballaġġ tal-ikel, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 64 biex temenda dan ir-Regolament sabiex:

(a) tipprevedi derogi mill-kamp ta' applikazzjoni, iż-żmien jew il-livell tal-perċentwal minimu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (d), ta' dan l-Artikolu, għall-imballaġġ tal-plastik speċifiku; u

(b) kif xieraq, temenda l-lista ta' eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 7(5) jistabbilixxi eżenzjonijiet speċifiċi mill-obbligu ta' kontenut riċiklat. L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(5)(a) tirreferi għall-imballaġġ tal-plastik li huwa maħsub li jiġi f'kuntatt mal-ikel fejn il-kwantità ta' kontenut riċiklat ikun ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem u jirriżulta f'nuqqas ta' konformità tal-prodotti fl-imballaġġ mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 ([20]). L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(5)(b) tirrigwardja l-partijiet tal-plastik li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-piż totali tal-unità tal-imballaġġ. Il-kunċett ta' "partijiet tal-plastik" jenħtieġ li jiġi interpretat f'konformità mad-definizzjoni ta' imballaġġ kompost fl-Artikolu 3(1), il-punt 24, tal-PPWR.

Iż-żewġ eżenzjonijiet japplikaw direttament u, għalhekk, ma hemmx bżonn li jingħataw speċifikament mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Sabiex japplikaw l-eżenzjonijiet, il-manifattur irid jissostanzja l-konformità mar-rekwiżiti tal-eżenzjonijiet fid-dokumentazzjoni teknika, billi jipprovdi evidenza dokumentata (eż. dwar in-nuqqas ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ awtorizzati).

([20]) ĠU L 338 13.11.2004, p. 4.

Sabiex tikkwalifika għall-eżenzjoni fl-Artikolu 7(5)(a), id-dokumentazzjoni teknika trid tispeċifika, għal kull parti tal-plastik li tirrappreżenta 5 % jew aktar tal-piż totali tal-unità tal-imballaġġ, il-polimeru użat. Din trid tikkonferma li, meta jitqies l-użu maħsub tal-imballaġġ u l-mira:

— *"L-Anness I tar-Regolament (UE) 2022/1616 ma jelenkax teknoloġija ta' riċiklaġġ xierqa għal dak il-polimeru"*; u,

— "l-ebda teknoloġija ta' riċiklaġġ ma hija disponibbli fuq skala industrijali għall-manifattura ta' dak il-polimeru f'konformità mal-proċessi deskritti fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-regolament".

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tivvaluta sal-1 ta' Jannar 2028 il-ħtieġa għall-għoti ta' eżenzjonijiet ulterjuri mill-obbligi tal-kontenut riċiklat għall-imballaġġ tal-plastik jew għar-reviżjoni tal-eżenzjonijiet eżistenti elenkati fl-Artikolu 7(4) tal-PPWR.

8. **Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jawtorizzaw imballaġġ kompostabbli u preżunzjoni ta' konformità**

Dispożizzjonijiet legali:

Il-Premessa (53): *"Il-fluss ta' skart tal-bijoskart spiss ikun ikkontaminat bi plastik konvenzjonali u l-flussi tar-riċiklaġġ tal-materjal spiss ikunu kkontaminati bi plastik kompostabbli. Din il-kontaminazzjoni inkroċjata twassal għal ħela ta' riżorsi u għal materja prima sekondarja ta' kwalità inferjuri u jenħtieġ li tiġi pprevenuta fis-sors. Minħabba dik il-kwistjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw l-immaniġġar xieraq tal-iskart fit-territorju tagħhom għall-imballaġġ kompostabbli. Peress li r-rotta xierqa tar-rimi għall-imballaġġ tal-plastik kompostabbli qiegħda ssir dejjem aktar ta' konfużjoni għall-konsumaturi, huwa ġġustifikat u meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar l-użu ta' imballaġġ tal-plastik kompostabbli, li jkun awtorizzat biss meta l-użu tiegħu jkollu benefiċċju ċar għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-użu tal-imballaġġ kompostabbli jgħin biex jinġabar jew jintrema l-bijoskart, pereżempju għal prodotti li għalihom is-separazzjoni bejn il-kontenut u l-imballaġġ tkun partikolarment kumplessa, bħall-boroż tat-te."*

Il-Premessa (54): *"Għall-applikazzjonijiet limitati tal-imballaġġ magħmula minn polimeri tal-plastik bijodegradabbli, hemm benefiċċju ambjentali li jista' jintwera b'mod ċar fl-użu tal-imballaġġ kompostabbli li jidħol f'impjanti tal-ikkompostjar, inklużi faċilitajiet tad-diġestjoni anaerobika f'kundizzjonijiet ikkontrollati. Barra minn hekk, meta Stati Membru japplika l-Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2008/98/KE u jkun hemm disponibbli skemi xierqa għall-ġbir tal-iskart u infrastrutturi xierqa tat-trattament tal-iskart f'dak l-Istat Membru, jenħtieġ li jkun hemm flessibbiltà għal dak l-Istat Membru biex jiddeċiedi jekk jippermettix it-tqegħid għad-dispożizzjoni fit-territorju tiegħu għall-ewwel darba ta' imballaġġ kompostabbli għall-unitajiet ta' porzjon wieħed tal-kafè, tat-te jew ta' sistema oħra tax-xorb li jkunu magħmula minn materjal tal-imballaġġ għajr il-metall, u basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, basktijiet tal-plastik ħfief u t-tqegħid għad-dispożizzjoni fit-territorju tiegħu għall-ewwel darba ta' imballaġġ ieħor li kien soġġett għal rekwiżit li jkun kompostabbli qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat li l-konsumatur jikkonfondi dwar ir-rotta korretta tar-rimi, u filwaqt li jitqies il-benefiċċju ambjentali taċ-ċirkolarità tal-karbonju, jenħtieġ li l-imballaġġ l-ieħor kollu jidħol fir-riċiklaġġ tal-materjal u d-disinn ta' tali imballaġġ jiżgura li ma jaffettwax ir-riċiklabbiltà ta' flussi oħra ta' skart."*

Il-Premessa (56): *"Kif deskritt fil-'qafas ta' politika tal-UE dwar plastiks b'bażi bijoloġika, bijodegradabbli u kompostabbli', stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2022, il-konformità mal-istandards għall-ikkompostjar industrijali ma timplikax dekompożizzjoni fl-ikkompostjar domestiku. Fl-ikkompostjar industrijali, il-kundizzjonijiet meħtieġa huma temperaturi għolja u livelli għolja ta' umdità. Fl-ikkompostjar domestiku, li jsir minn individwi privati, inkluż f'komunitajiet, il-kundizzjonijiet reali jiddependu ħafna miċ-ċirkostanzi klimatiċi lokali u l-prattiki tal-konsumatur. Għalhekk, hemm ir-riskju li l-bijodegradazzjoni fl-ikkompostjar domestiku tkun aktar bil-mod milli fl-ikkompostjar industrijali, jew li ma tkunx kompluta. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ikkompostjar domestiku għall-imballaġġ tal-plastik jitqies biss għal applikazzjonijiet speċifiċi u fil-kuntest ta' kundizzjonijiet lokali speċifiċi taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet rilevanti."*

L-Artikolu 9(2): *"B'deroga mill-Artikolu 6(1), meta l-Istati Membri jippermettu li l-iskart bi proprjetajiet simili ta' bijodegradabbiltà u kompostabbiltà bħall-bijoskart skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2008/98/KE jinġabar flimkien mal-bijoskart u jkunu disponibbli*

skemi xierqa ta' ġbir tal-iskart u infrastruttura għat-trattament tal-iskart biex jiġi żgurat li l-imballaġġ kompostabbli jidħol fil-fluss tal-immaniġġar tal-bijoskart, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-imballaġġ li ġej għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni fit-territorju tagħhom għall-ewwel darba biss jekk l-imballaġġ ikun kompostabbli:

(a) l-imballaġġ imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (1)(g), magħmul minn materjal li ma huwiex metall, basktijiet tal-plastik ħfief ħafna u basktijiet tal-plastik ħfief;

(b) l-imballaġġ għajr dak imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu li għalih l-Istat Membru diġà kien jeħtieġ li jkun kompostabbli qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk l-imballaġġ addizzjonali għall-formati tal-imballaġġ elenkati fl-Artikolu 9(1) u fil-punt (a) tal-Artikolu 9(2) għandux ikun kompostabbli fit-territorji tagħhom sat-12 ta' Awwissu 2026. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biss li tali formati addizzjonali tal-imballaġġ kompostabbli jkunu kompostabbli b'mod industrijali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw kwalunkwe regola nazzjonali li tawtorizza l-kompostabbiltà għal oġġetti ta' imballaġġ addizzjonali b'mod ċar lill-operaturi ekonomiċi u lill-pubbliku ġenerali, kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jikkompilaw listi espliċiti ta' tali oġġetti u li jagħmluhom pubbliċi biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati tat-tikkettar u tal-kompostabbiltà.

Filwaqt li r-Regolament jippermetti l-kompostabbiltà domestika għal għadd limitat ta' oġġetti tal-imballaġġ tal-plastik elenkati fl-Artikolu 9(1), li tirrifletti sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jimplimentaw l-ikkompostjar domestiku bħala waħda mill-għażliet tal-immaniġġar tal-iskart għall-bijoskart, jenħtieġ li l-ikkompostjar domestiku jiġi kkunsidrat biss fil-kuntest ta' kundizzjonijiet lokali speċifiċi u jiġi implimentat taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw kwalunkwe regola nazzjonali li tawtorizza l-kompostabbiltà domestika b'mod ċar lill-operaturi ekonomiċi u lill-pubbliku ġenerali, kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jikkompilaw listi espliċiti ta' tali oġġetti u li jagħmluhom pubbliċi biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati tat-tikkettar u tal-kompostabbiltà.

Il-PPWR jippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw il-kompostabbiltà domestika qabel l-adozzjoni tal-istandards armonizzati rilevanti, jew saħansitra fin-nuqqas tagħhom.

Fir-rigward tal-preżunzjoni tal-konformità tal-imballaġġ għall-ikkompostjar domestiku, kwalunkwe standard nazzjonali eżistenti dwar il-kompostabbiltà domestika u kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjonijiet eżistenti tista' tintuża mill-manifatturi biex juru l-konformità mal-Artikolu 9, iżda tali ċertifikazzjonijiet ma joħolqux preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit tal-kompostabbiltà.

Sat-12 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni se titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex joħolqu standard ġdid għall-UE kollha dwar il-kompostabbiltà domestika, skont l-Artikolu 9(6).

L-istandard eżistenti EN 13432 dwar l-ikkompostjar industrijali ([21]) jista' jintuża *bħala gwida* sakemm jiġi adottat l-istandard il-ġdid. Madankollu, il-preżunzjoni ta' konformità mal-istandards armonizzati l-ġodda dwar l-imballaġġ kompostabbli se terġa' tkun possibbli biss mid-data meta deċiżjoni ġdida li telenka l-istandards armonizzati rilevanti, kif mitlub mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(6), tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

9. **Definizzjoni tat-termini "permeabbli" u "li tirtab wara l-użu" fil-kuntest ta' imballaġġ kompostabbli**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 3(1) jiddikjara: *"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:*

(…)

(f) borża permeabbli tat-te, tal-kafè jew ta' xorb ieħor, jew sistema li tirtab wara l-użu u unità ta' porzjon wieħed tat-te, tal-kafè jew ta' xorb ieħor, u li hija maħsuba li tintuża u tintrema flimkien mal-prodott".

([21]) Imballaġġ - Rekwiżiti għall-imballaġġ rekuperabbli permezz tal-ikkompostjar u l-bijodegradazzjoni - Skema ta' ttestjar u kriterji tal-evalwazzjoni għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 9(1) huwa dispożizzjoni newtrali għall-materjal u jista' jirreferi għal boroż permeabbli tat-te, tal-kafe jew ta' xorb ieħor, jew unitajiet ta' porzjon wieħed b'sistema li tirtab wara l-użu magħmula minn kwalunkwe materjal, inklużi unitajiet ta' porzjon wieħed ibbażati fuq il-karta. Għalhekk, skont l-Artikolu 9, tali imballaġġ irid ikun iddisinjat għall-ikkompostjar sat-12 ta' Frar 2028.

10. **Minimizzazzjoni tal-imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

Il-Premessa 60: "*(...) Filwaqt li l-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur jibqgħu rilevanti għad-disinn tal-imballaġġ, jenħtieġ li dawn ma jkunux parti minn kriterji ta' prestazzjoni li jiġġustifikaw waħedhom il-piż u l-volum tal-imballaġġ addizzjonali tagħhom stess. (…)*"

L-Artikolu 10(1): "*Sal-1 ta' Jannar 2030, il-manifattur jew l-importatur għandu jiżgura li l-imballaġġ li jitqiegħed fis-suq ikun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-forma u l-materjal li minnu jkun magħmul l-imballaġġ.*"

L-Artikolu 10(2): "*Il-manifattur jew l-importatur għandu jiżgura li l-imballaġġ li ma jikkonformax mal-kriterji ta' prestazzjoni stabbiliti fl-Anness IV (…) ma jitqiegħedx fis-suq, sakemm (…).*"

L-Artikolu 10(2)(a) u (b) jipprevedi żewġ eżenzjonijiet, jiġifieri:

(a) id-disinn tal-imballaġġ ma jkunx protett minn disinn Komunitarju skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 jew minn drittijiet tad-disinn fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inklużi ftehimiet internazzjonali li għandhom effett f'wieħed mill-Istati Membri, jew sakemm il-forma tiegħu ma tkunx trademark fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inklużi trademarks irreġistrati skont ftehimiet internazzjonali li għandhom effett f'wieħed mill-Istati Membri, id-drittijiet tad-disinn u t-trademarks ma jkunux protetti qabel il-11 ta' Frar 2025, u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti skont dan l-Artikolu ma taffettwax id-disinn tal-imballaġġ b'mod li jbiddel in-novità jew il-karattru individwali tiegħu, jew ma jaffettwax it-trademark b'mod li t-trademark ma tibqax kapaċi tiddistingwi l-prodott immarkat minn dawk ta' impriżi oħrajn; jew

(b) il-prodott jew ix-xarba ppakkjata ma jibbenefikawx minn indikazzjoni ġeografika protetta skont il-liġi tal-Unjoni, bħal skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-inbid, ir-Regolament (UE) 2019/787 għax-xorb spirituż jew ir-Regolament (UE) 2023/2411 għall-prodotti artiġjanali u industrijali, jew huma koperti minn skema tal-kwalità kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2024/1143.

L-Artikolu 10(3): "*Sat-12 ta' Frar 2027, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex iħejju jew jaġġornaw, kif xieraq, l-istandards armonizzati li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu u l-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-minimizzazzjoni tal-imballaġġ skont dan ir-Regolament. Għall-biċċa l-kbira tat-tipi u l-formati komuni tal-imballaġġ, jenħtieġ li tali standards jispeċifikaw il-limiti massimi adegwati tal-piż u tal-volum u, fejn xieraq, il-ħxuna tas-saffi u l-ispazju vojt massimu.*"

L-Anness IV, il-Parti A, il-punt 4: "*Funzjonalità tal-imballaġġ: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura l-funzjonalità tiegħu, filwaqt li jqis l-iskop tal-prodott u l-partikolaritajiet li jwasslu għall-bejgħ tiegħu, bħall-bejgħ għal skopijiet ta' rigal, jew fl-okkażjoni ta' avvenimenti staġunali.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Ir-rekwiżiti għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-miri ġenerali tagħhom għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ b'mod armonizzat u jnaqqsu l-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal miżuri nazzjonali diverġenti biex jikkonformaw mal-mira għall-prevenzjoni tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 43.

Dawn ma ħumiex rekwiżiti ġodda. Dawn diġà kienu jeżistu skont il-PPWD bħala rekwiżiti essenzjali bi standard assoċjat ta' metodoloġija ta' konformità armonizzata (EN 13428:2004) ([22]). Filwaqt li l-elementi għall-valutazzjoni tal-minimizzazzjoni tal-imballaġġ ġew imċaqalqa mill-istandard armonizzat għall-PPWR, *"aċċettazzjoni tal-konsumatur"* u *"kummerċjalizzazzjoni"* tneħħew bħala raġunijiet (*"kriterji ta' prestazzjoni"*) li jiġġustifikaw piż u volum żejjed tal-imballaġġ. Min-naħa l-oħra, raġunijiet oħrajn, bħar-riċiklabbiltà, il-kontenut riċiklat jew l-użu mill-ġdid, ġew miżjuda bħala kriterji ġodda.

Sabiex jimplimenta din il-modifika, il-PPWR jagħti mandat lill-Kummissjoni biex titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jaġġorna l-istandard eżistenti sat-12 ta' Frar 2027. Minbarra l-metodoloġija aġġornata għall-valutazzjoni, l-istandard aġġornat se jipprevedi l-limiti massimi adegwati ta' piż u volum għall-aktar tipi u formati komuni ta' imballaġġ.

L-istandardizzazzjoni se tgħin lill-industrija tagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti ta' minimizzazzjoni, minħabba li l-konformità ma' standard armonizzat toħloq preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit tas-sostenibbiltà. L-Istati Membri se jkollhom jaċċettaw tali imballaġġ konformi u jippermettu li dan isir disponibbli fis-swieq tagħhom mingħajr il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti nazzjonali differenti jew addizzjonali.

Skont l-Artikolu 70(1)(b), ir-rekwiżiti eżistenti għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ u l-istandard ta' konformità tagħhom se jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2029. Wara dan, se japplikaw kemm il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 10 (mill-1 ta' Jannar 2030), filwaqt li l-istandard armonizzat eżistenti EN 13428:2004 xorta jista' jintuża bħala gwida, iżda biss sakemm ikun disponibbli standard ġdid jew aġġornat.

L-industrija se jkollha l-opportunità li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' standards ġodda permezz tal-esperti tagħha fil-proċess regolari ta' standardizzazzjoni. F'dan il-proċess, kwistjonijiet bħall-"forma" tal-imballaġġ u l-funzjonalità tal-imballaġġ se jitqiesu kif suppost.

11. **Relazzjoni bejn ir-rekwiżiti ta' minimizzazzjoni fl-Artikolu 10 u l-proporzjon ta' spazju vojt fl-Artikolu 24**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 10(1): "*Sal-1 ta' Jannar 2030, il-manifattur jew l-importatur għandu jiżgura li l-imballaġġ li jitqiegħed fis-suq ikun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-forma u l-materjal li minnu jkun magħmul l-imballaġġ.*"

L-Artikolu 10(2): *"Il-manifattur jew l-importatur għandu jiżgura li l-imballaġġ li ma jikkonformax mal-kriterji tal-prestazzjoni stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u l-imballaġġ b'karatteristiċi li jimmiraw biss biex iżidu l-volum perċepit tal-prodott, inklużi saffi doppji, qigħan foloz u saffi mhux meħtieġa, ma jitqiegħedx fis-suq, sakemm: (…).*"

L-Artikolu 24(1): *"Sal-1 ta' Jannar 2030, jew 3 snin mid-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 2, skont liema tiġi l-aħħar, l-operaturi ekonomiċi li jimlew l-imballaġġ kollettiv, l-imballaġġ għat-trasport jew l-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku għandhom jiżguraw li l-proporzjon massimu ta' spazju vojt, espress bħala perċentwal, ikun ta' 50 %.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-proporzjon ta' spazju vojt fl-Artikolu 24 japplika għall-imballaġġ kollettiv, għat-trasport u tal-kummerċ elettroniku u jeħtieġ li jiġi osservat mill-persuna fiżika jew ġuridika li tuża jew timla tali imballaġġ. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-proporzjon ta' spazju vojt f'att ta' implimentazzjoni li se jiġi adottat qabel it-12 ta' Frar 2028.

([22]) EN 13428:2004 - Imballaġġ - Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u l-kompożizzjoni – Prevenzjoni permezz tat-tnaqqis fis-sors. Ir-referenza għal dan l-istandard armonizzat ġiet ippubblikata (ĠU C 44, 19.2.2005, p. 23).

Għall-imballaġġ għall-bejgħ, ir-rekwiżiti ta' minimizzazzjoni relatati ma' spazju vojt ma humiex marbuta ma' xi limitu predefinit u, għalhekk, se jkollhom jiġu vvalutati abbażi tal-istandard eżistenti EN 13428:2004 ([23]), li japplika sal-1 ta' Jannar 2030, u se jiġu aġġornati f'konformità mal-kriterji ta' prestazzjoni aġġornati previsti fil-Parti A tal-Anness IV u mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10. Il-parti obbligata hija l-manifattur li se jkollu bżonn iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità u jabbozza d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għall-imballaġġ.

12. **Imballaġġ riutilizzabbli mqiegħed fis-suq qabel l-applikazzjoni tar-rekwiżiti fl-Artikolu 11**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 11(1): *"L-imballaġġ imqiegħed fis-suq mill-11 ta' Frar 2025 għandu jitqies li jkun riutilizzabbli meta jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

(a) ikun ġie maħsub, iddisinjat u mqiegħed fis-suq bl-objettiv li jerġa' jintuża diversi drabi;

(b) ikun ġie maħsub u ddisinjat biex iwettaq kemm jista' jkun rotazzjonijiet f'kundizzjonijiet tal-użu normalment prevedibbli;

(c) jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli fir-rigward tas-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza u l-iġjene;

(d) jista' jitbattal jew jinħatt mingħajr ma ssirlu ħsara b'mod li jipprevjeni l-funzjonament ulterjuri u l-użu mill-ġdid tiegħu;

(e) jista' jitbattal, jinħatt, jerġa' jimtela jew jerġa' jitgħabba, filwaqt li jinżammu l-kwalità u s-sikurezza tal-prodott fl-imballaġġ u tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tas-sikurezza u tal-iġjene, inklużi dawk dwar is-sikurezza tal-ikel;

(f) jista' jiġi rikondizzjonat f'konformità mal-Parti B tal-Anness VI, filwaqt li jżomm il-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjoni maħsuba tiegħu;

(g) jippermetti t-twaħħil tat-tikketta u l-għoti tal-informazzjoni dwar il-proprjetajiet ta' dak il-prodott u dwar l-imballaġġ innifsu, inklużi kwalunkwe struzzjoni u informazzjoni rilevanti biex jiġu żgurati s-sikurezza, l-użu adegwat, it-traċċabbiltà u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott;

(h) jista' jitbattal, jinħatt, jimtela mill-ġdid jew jerġa' jitgħabba mingħajr riskju għas-saħħa u s-sikurezza ta' dawk responsabbli biex jagħmlu dan; u

(i) jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi għall-imballaġġ riċiklabbli stabbiliti fl-Artikolu 6, sabiex ikun jista' jiġi riċiklat meta jsir skart."

L-Artikolu 11(2): "*Sat-12 ta' Frar 2027, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 64 sabiex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi għadd minimu għar-rotazzjonijiet għall-imballaġġ riutilizzabbli, għall-fini tal-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għall-formati tal-imballaġġ li jintużaw l-aktar ta' spiss fl-użu mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-iġjene u rekwiżiti oħrajn bħal-loġistika*."

L-Artikolu 15(9): "*B'deroga mill-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-obbligu li jsir konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura imballaġġ maħsub li ma huwiex konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fi jew skont l-Artikoli 5 sa 12 ma għandux japplika għal imballaġġ riutilizzabbli li jkun tqiegħed fis-suq qabel il-11 ta' Frar 2025*."

Interpretazzjonijiet tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-kriterji tal-użu mill-ġdid applikabbli mill-11 ta' Frar 2025, li hija d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Madankollu, ir-Regolament japplika mit-12 ta' Awwissu 2026. Dan ifisser li l-imballaġġ riutilizzabbli li jkun diġà tqiegħed fis-suq tal-Unjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (fil-11 ta' Frar 2025) ma għandux bżonn jinġieb konformi ma' dawn ir-rekwiżiti b'mod retroattiv. Dan huwa ddikjarat b'mod espliċitu fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament.

([23]) EN 13428:2004 - Imballaġġ - Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u l-kompożizzjoni – Prevenzjoni permezz tat-tnaqqis fis-sors. Ir-referenza għal dan l-istandard armonizzat ġiet ippubblikata (ĠU C 44, 19.2.2005, p. 23).

L-imballaġġ riutilizzabbli mqiegħed fis-suq wara l-11 ta' Frar 2025 se jkollu jikkonforma mar-Regolament. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti se jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità ta' tali imballaġġ f'konformità mal-Artikolu 11 u ma' dispożizzjonijiet oħrajn tar-Regolament biss wara t-12 ta' Awwissu 2026.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 huma sostanzjalment simili għar-rekwiżiti dwar l-imballaġġ riutilizzabbli li jinsabu fil-PPWD preċedenti u l-istandard armonizzat relatat EN 13429:2004 ([24]) dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. Dan ifisser li r-rekwiżiti dwar l-imballaġġ riutilizzabbli skont il-PPWR ma humiex kompletament ġodda.

13. **Kamp ta' applikazzjoni tat-tikkettar armonizzat tal-imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 12(1): "*Mit-12 ta' Awwissu 2028 jew 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafi 6 jew 7 ta' dan l-Artikolu, skont liema tiġi l-aħħar, l-imballaġġ imqiegħed fis-suq għandu jiġi mmarkat b'tikketta armonizzata li jkun fiha informazzjoni dwar il-kompożizzjoni materjali tiegħu sabiex tiġi ffaċilitata s-separazzjoni mill-konsumatur. It-tikketta għandha tkun ibbażata fuq pittogrammi u tkun tinftiehem faċilment, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà. (…)*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

It-tikkettar tal-imballaġġ taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12 huwa eżawrjenti u kompletament armonizzat, ħlief fir-rigward tal-iskemi ta' depożitu u ritorn. Ir-regoli nazzjonali li jżidu l-istruzzjonijiet ta' separazzjoni ma humiex permessi abbażi tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE. L-Istati Membri mhux se jitħallew iżommu t-tikketti nazzjonali tagħhom maġenb it-tikketti armonizzati tal-UE wara t-12 ta' Awwissu 2028 jew 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni li jispeċifika r-regoli u l-pittogrammi tat-tikkettar. Billi l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jadattaw għal reġim ġdid ta' tikkettar mingħajr perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri nazzjonali jitħassru qabel dik id-data jew jiġu adattati biex jippermettu dik it-tranżizzjoni. Fejn il-miżuri nazzjonali dwar l-istruzzjonijiet ta' separazzjoni jistgħu jitqiesu sproporzjonati fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq is-suq intern, jenħtieġ li tali miżuri jitħassru mill-aktar fis possibbli, irrispettivament mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti armonizzati tal-UE li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(6).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/129 tat-28 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi s-sistema ta' identifikazzjoni għall-materjali għall-ippakkjar ([25]), li tistabbilixxi sistema ta' numerazzjoni u abbrevjazzjonijiet biex tidentifika l-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ prinċipalment immirata lejn il-maniġers tal-iskart biex tgħinhom jisseparaw l-iskart mill-imballaġġ, għadha tapplika sat-12 ta' Awwissu 2028. L-użu ta' din id-deċiżjoni u tas-sistema ta' abbrevjazzjonijiet li hija tistabbilixxi huwa volontarju għall-manifatturi, iżda l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li ma tintuża l-ebda sistema oħra biex jiġu identifikati l-materjali tal-imballaġġ minbarra dik definita fid-Deċiżjoni. Fi kliem ieħor, fejn tintuża sistema ta' identifikazzjoni, allura din trid tkun dik definita fid-Deċiżjoni. Madankollu, l-użu tal-abbrevjazzjonijiet kif stabbilit skont id-Deċiżjoni mhux se jibqa' permess wara t-12 ta' Awwissu 2028. Dan għaliex l-avvanzi teknoloġiċi fis-separazzjoni tal-iskart wara l-ġbir qed inaqqsu l-ħtieġa għal tali marki għar-riċiklaturi u biex jiġi żgurat tikkettar armonizzat fis-Suq Uniku kollu.

L-għan tar-rekwiżiti tat-tikkettar previsti fl-Artikolu 12(1) huwa li tittejjeb is-separazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ mill-konsumaturi. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-imballaġġ ta' ċerti prodotti, bħal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew għall-użu veterinarju, apparati mediċi jew apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, li jistgħu jintużaw biss minn utenti finali professjonali fil-kors tal-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħhom. Ir-Regolament jeskludi espressament minn dan l-obbligu ta' tikkettar l-imballaġġ għat-trasport, ħlief għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku, u l-imballaġġ li huwa soġġett għal sistema ta' depożitu u ritorn. L-ispeċifikazzjonijiet għat-tikketti tas-separazzjoni tal-iskart se jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni sat-12 ta' Awwissu 2026.

([24]) EN 13428:2004 - Imballaġġ - Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u l-kompożizzjoni – Prevenzjoni permezz tat-tnaqqis fis-sors. Ir-referenza għal dan l-istandard armonizzat ġiet ippubblikata (ĠU C 44, 19.2.2005, p. 23).

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 1997 li tistabbilixxi s-sistema ta' identifikazzjoni għall-materjali għall-ippakkjar skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE fuq l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar (*ĠU L 50, 20.2.1997, p. 28*).

Fir-rigward tat-tikkettar għal imballaġġ riutilizzabbli skont l-Artikolu 12(2), l-Istati Membri mhux se jitħallew iżommu t-tikketti nazzjonali tagħhom maġenb it-tikketti armonizzati tal-UE wara t-12 ta' Frar 2029 jew 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni li jispeċifika r-regoli tat-tikkettar relatati.

L-użu ta' tikketti tas-separazzjoni tal-iskart u tikketti għal imballaġġ riutilizzabbli huwa obbligatorju.

Fir-rigward tat-tikketti għall-kontenut riċiklat u għall-kontenut b'bażi bijoloġika skont l-Artikolu 12(4), dawn se jkunu armonizzati bis-sħiħ mit-12 ta' Awwissu 2028 jew 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni relatat, iżda l-użu ta' dawn it-tikketti huwa volontarju. Dan ifisser li l-operaturi ekonomiċi ma humiex obbligati jindikaw il-kontenut riċiklat jew il-kontenut b'bażi bijoloġika fuq l-imballaġġ tagħhom, iżda jekk jixtiequ jindikaw dan, iridu jużaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati tal-UE.

Fir-rigward tat-tikkettar tal-imballaġġ kopert mis-sistemi obbligatorji ta' depożitu u ritorn skont l-Artikolu 50(1), l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li tali imballaġġ ikun immarkat b'tikketta bil-kulur armonizzata (l-Artikolu 12(1), ir-raba' subparagrafu).

Filwaqt li l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jużaw it-tikketta armonizzata tal-UE dwar ir-rifużjoni tad-depożitu (DRS, deposit and return system), huma ma jistgħux jipprojbixxu t-twaħħil ta' tikketti DRS fuq il-prodotti fl-imballaġġ fis-suq tagħhom li jkollhom tikketti DRS li jkunu twaħħlu fi Stati Membri oħrajn, u dan japplika kemm għas-sistemi obbligatorji kif ukoll għal dawk mhux obbligatorji ta' depożitu u ritorn. Bl-użu tat-tikketta armonizzata, l-Istati Membri se jnaqqsu r-riskju li joħolqu ostakli għas-suq intern permezz ta' tikketti nazzjonali tad-DRS. Meta jipprovdu regoli għat-tikketti nazzjonali tad-DRS, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — "Il-kontenituri tax-xorb, is-sistemi ta' depożiti u l-moviment ħieles tal-oġġetti" (2009/C 107/01) ([26]).

Fir-rigward tat-tikketti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) ([27]), il-PPWR jipprojbixxi t-tikketti fiżiċi u jippermetti li tali informazzjoni jew tikketti jiġu pprovduti biss f'format diġitali (l-Artikolu 12(9)).

Fir-rigward tad-deroga prevista fl-Artikolu 12(11), għal apparati mediċi u għal apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, fir-Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2107/746 ma hemm l-ebda definizzjoni għall-imballaġġ intern u sekondarju. Biex jiġi żgurat li d-deroga tiġi applikata b'mod korrett għal dawk il-prodotti, ir-referenza għall-imballaġġ immedjat jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-imballaġġ f'kuntatt mal-apparat, filwaqt li l-imballaġġ sekondarju jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għall-imballaġġ tal-bejgħ tal-apparat.

Billi l-Artikolu 12 jarmonizza bis-sħiħ it-tikkettar tal-imballaġġ fl-Unjoni, l-Istati Membri ma humiex permessi jadottaw rekwiżiti obbligatorji nazzjonali oħrajn dwar it-tikkettar tal-imballaġġ. Dan huwa ġġustifikat mill-impatt sinifikanti fuq is-suq intern tar-rekwiżiti tat-tikkettar tal-imballaġġ.

14. **Tikkettar tal-imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli eżistenti**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 12(2) "*(...) imballaġġ riutilizzabbli mqiegħed fis-suq mit-12 ta' Frar 2029 jew 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 6, skont liema tiġi l-aħħar, għandu jkollu tikketta li tinforma lill-utenti li l-imballaġġ huwa riutilizzabbli. Aktar informazzjoni dwar ir-riutilizzabbiltà, inkluż id-disponibbiltà ta' sistema lokali, nazzjonali jew fl-Unjoni kollha għall-użu mill-ġdid u informazzjoni dwar punti tal-ġbir, għandha tkun disponibbli permezz ta' kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data standardizzat, miftuħ u diġitali li jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu ta' vjaġġi u rotazzjonijiet jew, jekk dak il-kalkolu ma jkunx fattibbli, stima medja. (…)*"

Skont l-Artikolu 12(3), dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għal *"sistemi b'ċirkwit miftuħ li ma għandhomx operatur tas-sistema f'konformità mal-Anness VI."*

([26]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — " Il-kontenituri tax-xorb, is-sistemi ta' depożiti u l-moviment ħieles tal-oġġetti (ĠU C 107, 9.5.2009, p. 1).

([27]) Ara l-Artikolu 45 tal-PPWR dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Għaldaqstant, *"il-produtturi għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur skont l-iskemi stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u ma' din it-Taqsima għall-imballaġġ, inkluż l-imballaġġ ta' prodotti fl-imballaġġ li jqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru jew li jispakkjaw mingħajr ma jkunu l-utenti finali."*

L-Artikolu 12(6) jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi t-tikketti tal-imballaġġ: "*Sat-12 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tikketta u speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti u l-formati tat-tikkettar, inkluż meta previst permezz ta' mezzi diġitali, għat-tikkettar tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu. (…)*"

L-Artikolu 12(12) jistipula: "*L-imballaġġ, kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 4, li jiġi mmanifatturat fl-Unjoni jew importat qabel l-iskadenzi msemmija f'dawk il-paragrafi u li ma jikkonformax mal-kriterji stabbiliti f'dawk il-paragrafi jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq sa 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti f'dawk il-paragrafi.*"

L-Artikolu 15(9) jistipula: "*B'deroga mill-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-obbligu li jsir konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura imballaġġ maħsub li ma huwiex konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fi jew skont l-Artikoli 5 sa 12 ma għandux japplika għal imballaġġ riutilizzabbli li jkun tqiegħed fis-suq qabel il-11 ta' Frar 2025.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn:

(a) l-imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli mqiegħed fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tal-PPWR, jiġifieri qabel il-11 ta' Frar 2025 u

(b) l-imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli mqiegħed fis-suq wara l-11 ta' Frar 2025 (jiġifieri, wara d-dħul fis-seħħ tal-PPWR), iżda qabel id-data tal-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar għal imballaġġ riutilizzabbli, li jenħtieġ li jiġi adottat sat-12 ta' Awwissu 2026 u japplika mit-12 ta' Frar 2029 jew 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni, jiġifieri l-imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli mqiegħed fis-suq bejn il-11 ta' Frar 2025 u t-12 ta' Frar 2029.

L-imballaġġ riutilizzabbli taħt (a) jista' jibqa' fiċ-ċirkolazzjoni sakemm jitneħħa mis-sistemi ta' użu mill-ġdid minħabba obsolexxenza funzjonali jew limitazzjonijiet operazzjonali.

Jenħtieġ li l-imballaġġ riutilizzabbli taħt (b) jikkonforma mar-rekwiżiti tat-tikkettar sa mhux aktar tard minn Frar 2032. Meta jitqies li r-regoli l-ġodda dwar it-tikkettar se jkunu magħrufa mill-industrija diġà fiż-żmien tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, jiġifieri f'Awwissu 2026, ammont limitat ta' imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli se jkollu bżonn isir konformi. Fil-prattika, l-imballaġġ li se jitqiegħed fis-suq matul il-perjodu bejn Frar 2025 u Awwissu 2026 se jkollu jiġi rinnovat b'tikketti skont ir-regoli l-ġodda sa Frar 2032. Jenħtieġ li jiġi mfakkar li wara d-dħul fis-seħħ tal-PPWR, l-operaturi ma għadx għandhom aspettattivi leġittimi li ma jkunux soġġetti għar-regoli l-ġodda dwar it-tikkettar.

Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12(5) li jiġġustifikaw l-għoti ta' informazzjoni permezz ta' siti web jew dokumentazzjoni ta' akkumpanjament jiġu ssodisfati fil-każ ta' imballaġġ tat-trasport riutilizzabbli f'sitwazzjonijiet bejn negozju u ieħor (jiġifieri l-konsumatur ma jkunx l-utent finali tal-imballaġġ tat-trasport), ġestit minn operatur tas-sistema f'sistema b'ċirkwit magħluq.

15. **Obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 23(1), "*Kull sena l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni dwar l-iskart mill-imballaġġ elenkat fit-Tabella 3 tal-Anness XII ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni fuq l-imballaġġ li jkun disponibbli fit-territorju tal-Istati Membru għall-ewwel darba, permezz tar-reġistru jew ir-reġistri elettroniċi, f'konformità mal-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2008/98/KE.*

Kull sena, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ għandhom jipprovdu lill-produtturi, fil-każ ta' twettiq individwali tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jew lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi inkarigata bit-twettiq ta' dawk l-obbligi, fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 44(10).

L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jipprevedu li, meta l-awtoritajiet pubbliċi jkunu responsabbli għall-organizzazzjoni tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ għandhom, fuq bażi annwali, jipprovdu lil tali awtoritajiet pubbliċi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 44(10), jew ma' mezzi oħrajn biex jissupplimentaw ir-reġistru jew ir-reġistri elettroniċi, f'konformità mal-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2008/98/KE."

Skont l-Artikolu 44(10), "*Il-produtturi, fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi inkarigati bit-twettiq ta' dawk l-obbligi, fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jew l-operaturi tas-sistema tal-użu mill-ġdid, fil-każ fejn is-sistemi tal-użu mill-ġdid ikunu qed jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, għandhom jippreżentaw l-informazzjoni stabbilita fil-Parti B, il-punt 3, tal-Anness IX lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja preċedenti fuq bażi annwali.*

Fejn skont il-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet pubbliċi jkunu responsabbli għall-organizzazzjoni tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawk l-awtoritajiet għandhom jippreżentaw l-informazzjoni stipulata fil-Parti B, il-punt 3, tal-Anness IX."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Jenħtieġ li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jinftiehmu bħala kwalunkwe operatur li jimmaniġġa "*l-ġbir, it-trasport, l-irkupru (inkluża s-separazzjoni) u r-rimi tal-iskart, inklużi s-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-kura ta' wara tas-siti ta' rimi, u inklużi azzjonijiet meħuda bħala negozjant jew sensar*" kif definit fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD, Waste Framework Directive).

L-Artikolu 23 ma jispeċifikax min huwa l-operatur marbut b'obbligu tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, kif għandha tiġi sottomessa l-informazzjoni, jew taħt liema ċirkostanzi trid tiġi sottomessa. Għalhekk, il-Kummissjoni tifhem li l-obbligi għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jipprovdu informazzjoni dwar l-iskart mill-imballaġġ jenħtieġ li jiġu interpretati bħala rekwiżiti ġenerali biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (PROs, Producer Responsibility Organisations), lill-produtturi u lill-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 44(10). Għalhekk, l-Istati Membri jkollhom jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi huwa meħtieġ li operatur tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) jistabbilixxi li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ iridu jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni elenkata fit-Tabella 3 tal-Anness XII, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar l-iskart perikoluż mill-imballaġġ, li diġà hija rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti, kif speċifikat skont l-Artikolu 35(1) tad-WFD, u l-imballaġġ li jkun sar disponibbli fit-territorju tal-Istat Membru għall-ewwel darba jew mhux ippakkjat, minħabba li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ ma jkollhomx tali informazzjoni. Minħabba li l-awtoritajiet kompetenti se jirċievu l-informazzjoni fit-Tabella 3 tal-Anness XII permezz tar-reġistru tal-produtturi, li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 44, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ iridu jipprovdu din l-informazzjoni biss jekk tkun meħtieġa biex issir kontroverifika li d-data rrapportata mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (PRO), mill-produttur, jew minn awtorità kompetenti oħra tkun akkurata, jew f'ċirkostanzi oħrajn speċifikati minn Stat Membru.

16. **Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss (SUPD, Single-Use Plastics Directive) u l-PPWR fir-rigward tal-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

Il-Premessa (13): "*(…) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' imballaġġ kompost f'dan ir-Regolament ma teżentax l-imballaġġ li jintuża darba biss magħmul parzjalment mill-plastik, irrispettivament mil-livell limitu, mir-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*"

Il-Premessa (180): "*(…) Dan ir-Regolament jipprevedi restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik elenkati fl-Anness V, il-punt 3 tiegħu, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/904 tippermetti lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu tnaqqis fil-konsum ta' dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Peress li l-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2019/904 jistgħu jkunu inqas restrittivi minn projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevali fuq id-Direttiva (UE) 2019/904 fir-rigward ta' tali prodotti fid-definizzjoni ta' imballaġġ, sabiex tingħata spinta lit-tnaqqis tal-użu ta' imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss u titnaqqas il-kwantità tal-imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss fl-ambjent. (…).*"

L-Artikolu 3(1), il-punt (24): "*'imballaġġ kompost' tfisser unità tal-imballaġġ magħmula minn żewġ materjali differenti jew aktar li jagħmlu parti mill-piż tal-materjal tal-imballaġġ ewlieni u li ma tistax tiġi sseparata manwalment u għalhekk tifforma unità integra waħda, sakemm wieħed mill-materjali ma jkunx jikkostitwixxi parti insinifikanti mill-unità tal-imballaġġ u fl-ebda każ ma jkun aktar minn 5 % tal-massa totali tal-unità tal-imballaġġ u jeskludi t-tikketti, il-verniċi, iż-żebgħa, il-linek, l-adeżivi u l-lacquers; dan huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/904*."

L-Artikolu 25(1): "*Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx iqiegħdu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-użi elenkati fl-Anness V.*"

L-Anness V, il-punt 3: "*L-imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur tal-HORECA* (Hospitality, Restaurant, and Catering)*, li jinkludi ż-żoni kollha tal-ikel ġewwa u barra post tan-negozju, li fihom ikun hemm imwejjed u banketti, żoni bilwieqfa, u żoni tal-ikel offruti lill-utenti finali b'mod konġunt minn diversi operaturi ekonomiċi jew parti terza għall-finijiet li jiġi kkunsmat l-ikel u x-xorb. L-istabbilimenti fis-settur tal-HORECA li ma għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb huma eżentati.*"

Id-Direttiva (UE) 2019/904 (SUPD) ([28]) (l-Artikolu 3, il-punt (2)) tiddefinixxi l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss bħala "*prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li ma huwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub.*"

Skont l-Artikolu 4 u l-Parti A tal-Anness tas-SUPD, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jimponu restrizzjonijiet nazzjonali fuq kontenituri tal-ikel riġidi tal-plastik li jintużaw darba biss, użati biex ikun fihom ikel għall-konsum immedjat u tazzi tax-xorb.

Skont l-Artikolu 67(1)(a) ([29]), is-SUPD tipprevali fuq il-PPWR f'każ ta' kunflitt, sakemm ma jkunx previst mod ieħor. L-Artikolu 67(1)(b) jipprevedi mod ieħor il-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ skont il-punt 3 tal-Anness V.

Skont l-Artikolu 70(4), "*L-Istati Membri jistgħu jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrestringu t-tqegħid fis-suq tal-imballaġġ fil-formati u għall-użi elenkati fil-punti 2 u 3 tal-Anness V sal-1 ta' Jannar 2030. L-Artikolu 4(3) ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk il-miżuri nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2030.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Is-SUPD u l-PPWR huma żewġ strumenti legali li jeżistu flimkien u li għandhom skopijiet differenti.

Il-Premessi (13) u (180) jindirizzaw ir-relazzjoni bejn il-PPWR u s-SUPD u jindikaw li l-imballaġġ kompost jista' jitqies bħala imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss skont il-PPWR.

Il-PPWR jiddefinixxi "imballaġġ kompost" billi jintroduċi limitu ta' 5 % li taħtu l-imballaġġ jitqies bħala monomaterjal. Għalhekk, "imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss" fl-Anness V jista' jirreferi biss għal imballaġġ li jkun fih aktar minn 5 % plastik. Madankollu, id-definizzjoni ta' "imballaġġ kompost" hija "mingħajr preġudizzju" għas-SUPD (ara l-Artikolu 3(1), il-punt 24 u l-premessa 13 tal-PPWR). Konsegwentement, l-imballaġġ kompost, inkluż l-imballaġġ ibbażat fuq karta li jkun fih 5 % jew aktar ta' plastik, huwa kopert mill-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ fl-Artikolu 25 u fil-punti 1 sa 4 tal-Anness V tal-PPWR, filwaqt li l-imballaġġ li jkun fih mhux aktar minn 5 % ta' plastik ma huwiex kopert minn din il-projbizzjoni.

Billi l-PPWR u s-SUPD jeżistu flimkien, il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom iridu jinqraw flimkien. Il-PPWR jipprevali fir-rigward tal-formati, il-materjali u l-użi tal-imballaġġ elenkati fl-Anness V. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-Istati Membri jridu japplikaw il-PPWR u ma jistgħux jiddependu fuq l-Artikolu 4 tas-SUPD biex jintroduċu miżuri nazzjonali. Min-naħa l-oħra, l-imballaġġ li ma huwiex kopert mir-restrizzjonijiet fl-Anness V jibqa' soġġett għas-SUPD meta

([28]) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1).

([29]) Skont l-Artikolu 67(1)(a): "*Id-Direttiva (UE) 2019/904 hija emendata kif ġej:*

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej: "2. Fejn din id-Direttiva tmur kontra d-Direttiva 94/62/KE jew 2008/98/KE, din id-Direttiva għandha tipprevali sakemm ma jkunx previst mod ieħor mir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill"

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Fejn l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva jmur kontra l-Artikolu 25(1) u (6) tar-Regolament (UE) 2025/40 fir-rigward tal-imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss elenkat fil-punt (3) tal-Anness V ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 25(1) u (6) ta' dak ir-Regolament għandu jipprevali".

jikkwalifika bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (2), tad-Direttiva. F'każijiet bħal dawn, l-Artikolu 4 tas-SUPD jibqa' japplika, u jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri biex inaqqsu l-konsum tat-tazzi għax-xorb u tal-kontenituri riġidi tal-ikel użati biex ikun fihom ikel għall-konsum immedjat. Tali miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum jistgħu jibqgħu fis-seħħ anke wara l-1 ta' Jannar 2030. L-Istati Membri jridu juru, każ b'każ, li kwalunkwe miżura nazzjonali bħal din tkun proporzjonata għall-objettivi segwiti mis-SUPD u mhux diskriminatorja skont id-dritt tal-UE. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-impatti potenzjali fuq is-suq intern u jekk miżura nazzjonali speċifika tissodisfax dawn ir-rekwiżiti se tiġi vvalutata mill-Kummissjoni Ewropea.

L-obbligu skont l-Artikolu 25(2) tal-PPWR li jitħassru r-restrizzjonijiet nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2030 japplika biss għal miżuri li jikkonċernaw il-formati, l-użi u l-materjali tal-imballaġġ li jaqgħu taħt l-Anness V.

Għalhekk, fir-rigward tal-punti 2-4 tal-Anness V: meta format, materjal u użu tal-imballaġġ ma jkunux koperti mill-Anness V, il-punti 2-4, iżda jikkwalifikaw bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss skont is-SUPD, japplika l-Artikolu 4 tas-SUPD.

B'dan il-mod, il-PPWR jistabbilixxi restrizzjonijiet armonizzati għall-imballaġġ kopert mill-Anness V, filwaqt li s-SUPD tkompli topera għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-restrizzjonijiet speċifiċi.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-evalwazzjoni tas-SUPD mistennija fl-2027, il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa li tirrieżamina d-Direttiva, inkluż biex tiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-PPWR, tippromwovi Suq Uniku għall-imballaġġ, u tiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Fir-rigward tal-kontenituri tal-ikel, il-kontenituri tax-xorb u t-tazzi għax-xorb magħmula minn polistiren espandut (EPS, expanded polystyrene), dawn diġà huma pprojbiti skont is-SUPD (l-Artikolu 5). L-Artikolu 67(5) tal-PPWR jemenda s-SUPD biex tkun tinkludi wkoll b'mod espliċitu l-formati tal-polistiren estruż (XPS, extruded polystyrene); dan se japplika mill-1 ta' Jannar 2030; ma hija meħtieġa l-ebda traspożizzjoni mill-Istati Membri.

17. **Kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ fl-Artikolu 25 u fl-Anness V, il-punti 1–4, fir-rigward tal-kontenut tal-plastik**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 25(1) "*Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx iqiegħdu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-użi elenkati fl-Anness V.*"

L-Anness V, il-punti 1–4, jirrestrinġi l-użu ta' *imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss* għal applikazzjonijiet differenti ta' imballaġġ.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ skont il-punti 1–4 tal-Anness V ma jkoprux biss oġġetti li huma magħmulin minn materjal 100 % plastik. Tali interpretazzjoni tista' twassal għal sitwazzjonijiet fejn iż-żieda ta' kwalunkwe ammont insinifikanti ta' materjal, għajr il-plastik, teskludi l-imballaġġ mill-projbizzjoni.

Għalhekk, fin-nuqqas ta' definizzjoni ta' "imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss", jenħtieġ li jitqies li l-imballaġġ kompost, inkluż l-imballaġġ ibbażat fuq karta li jkun fih 5 % jew aktar ta' plastik, huwa kopert mill-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ fl-Artikolu 25 u fl-Anness V, il-punti 1–4, ta' dan ir-Regolament. B'hekk, l-imballaġġ li fih mhux aktar minn 5 % ta' plastik ma huwiex kopert minn din il-projbizzjoni.

18. **Il-miri tal-użu mill-ġdid għall-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29(1): "*Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport, jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, inkluż għall-prodotti distribwiti permezz tal-kummerċ elettroniku, fit-territorju tal-Unjoni, fil-forma ta' pallets, kaxxi tal-plastik li jintwew, kaxxi, trays, ċestuni tal-plastik, kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, bramel, ċilindri u kaxxetti ta' kwalunkwe daqs jew materjal, inklużi formati flessibbli jew tgeżwir tal-pallets jew ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport, għandhom jiżguraw li mill-inqas 40 % ta' imballaġġ bħal dan b'kollox ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.*"

L-Artikolu 3(1), il-punt (5), jiddefinixxi l-imballaġġ bħala li jfisser "*imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi unità tal-bejgħ li tikkonsisti minn prodotti u minn imballaġġ lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ.*"

L-Artikolu 3(1), il-punt (7), jiddefinixxi l-imballaġġ għat-trasport bħala li jfisser "*imballaġġ maħsub sabiex jiġu ffaċilitati l-immaniġġar u t-trasport ta' unità ta' bejgħ waħda jew aktar jew raggruppament ta' unitajiet ta' bejgħ, sabiex tiġi pprevenuta l-ħsara lill-prodott mill-immaniġġar u t-trasport, iżda li jeskludi kontejners għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-bastimenti u bl-ajru.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni

"*Imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti*" huwa formati ta' imballaġġ li jistgħu jitqiesu kemm bħala imballaġġ għat-trasport kif ukoll bħala imballaġġ għall-bejgħ. Madankollu, xi formati elenkati fl-Artikolu 29(1) li fihom ikunu qed jiġu ttrasportati l-prodotti, pereżempju bramel, ċilindri u kaxxetti, jimtlew bi prodotti, bħal pestiċidi, żebgħa, ġibs jew adeżivi, li jistgħu jagħmlu l-użu mill-ġdid tagħhom impossibbli jew possibbli, iżda biss b'kostijiet u b'użu ta' riżorsi sproporzjonati, minħabba li tali materjali tal-mili viskużi jistgħu jibbiesu fl-imballaġġ wara l-ftuħ jew il-materjal tal-mili jista' jidħol fil-materjal tal-imballaġġ u jikkontaminah.

Għalhekk, jekk l-imballaġġ għall-bejgħ jistax jintuża mill-ġdid jiddependi primarjament fuq il-prodott tal-mili. Huwa biss l-imballaġġ għall-bejgħ b'funzjoni tat-trasport evidenti li huwa kopert mill-miri tal-użu mill-ġdid. Ir-rekwiżit "*għat-trasport tal-prodotti*" jista' jiġi indikat, pereżempju, permezz ta' disinn, forma jew daqs speċjali tal-imballaġġ.

Dawn li ġejjin huma xi eżempji illustrattivi:

— *Bramel tal-plastik mimlija b'żebgħa, sustanzi kimiċi jew zlazi li jbiddlu l-proprjetajiet tal-kontenitur:* Ir-residwi jew l-irwejjaħ jistgħu jagħmluha diffiċli li l-formati tal-imballaġġ riutilizzabbli jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw għat-trasport ta' tali prodotti. It-tneħħija ta' tali residwi jew irwejjaħ mill-intern tal-barmil użat hija teknikament fattibbli. Madankollu, f'ċerti każijiet, u skont it-tip tal-prodott ippakkjat, it-tneħħija tar-residwi tista' tkun teħtieġ tindif intensiv f'termini ta' sustanzi kimiċi, ilma jew użu tal-enerġija. Dan jagħmel l-użu mill-ġdid tal-bramel tal-plastik għażla fattibbli biss jekk il-proċessi ta' tindif intensiv ma jirriżultawx f'kostijiet u riżorsi sproporzjonati.

— *Ċereali tal-kolazzjon jew ikel solidu ieħor f'formati ta' imballaġġ riġidi, eż. ċilindri*: It-trasport ta' tali ikel f'formati ta' imballaġġ riutilizzabbli, bħal ċilindri ċċirkolati fl-istess kumpanija (iżda f'siti differenti) jew intrapriżi konnessi, jew fl-istess Stat Membru, huwa fattibbli. Ir-residwi jew l-irwejjaħ miċ-ċereali fiċ-ċilindri ma jbiddlux l-intern taċ-ċilindri u, b'hekk, jagħmlu l-użu mill-ġdid għażla fattibbli.

— *Materjali fi kwantitajiet kbar, eż. ramel, blat ittrasportat f'boroż intermedji flessibbli għall-ġarr fi kwantitajiet kbar:* It-trasport ta' materjali fi kwantitajiet kbar f'boroż intermedji flessibbli għall-ġarr fi kwantitajiet kbar huwa fattibbli. Dawn il-prodotti ma jbiddlux il-proprjetajiet tal-intern ta' tali imballaġġ u, barra minn hekk, ma jeħtiġux tindif intensiv.

— *Frott frisk ittrasportat f'kaxxi jew ċestuni tal-plastik:* Kaxxa jew ċestun jitqiesu bħala imballaġġ għall-bejgħ meta jimtlew bil-frott frisk. Madankollu, meta wieħed iqis li din il-kaxxa jew dan iċ-ċestun tipikament ikun fihom ammonti akbar ta' frott frisk minn porzjon wieħed u jiġu ttrasportati sabiex jaslu fil-punti tal-bejgħ, dawn jitqiesu bħala imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport. Tali format tal-imballaġġ jista' jerġa' jintuża.

19. **Il-miri tal-użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport fil-kummerċ internazzjonali**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29:

"(1) *Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport, jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, inkluż għall-prodotti distribwiti permezz tal-kummerċ elettroniku,* fit-territorju tal-Unjoni, *fil-forma ta' pallets, kaxxi tal-plastik li jintwew, kaxxi, trays, ċestuni tal-plastik, kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, bramel, ċilindri u kaxxetti ta' kwalunkwe daqs jew materjal, inklużi formati flessibbli jew tgeżwir tal-pallets jew ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport, għandhom jiżguraw li mill-inqas 40 % ta' imballaġġ bħal dan b'kollox ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.*"

(2) *Mill-1 ta' Jannar 2030, b'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ekonomiċi li jużaw imballaġġ għat-trasport jew imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, fil-forom kif elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fit-territorju tal-Unjoni, bejn siti differenti li fihom l-operatur iwettaq l-attività tiegħu, jew bejn kwalunkwe wieħed mis-siti li fihom l-operatur iwettaq l-attività tiegħu u s-siti ta' kwalunkwe intrapriża assoċjata jew intrapriża sieħba oħra, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE kif applikabbli fil-11 ta' Frar 2025, għandhom jiżguraw li tali imballaġġ ikun riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid*".

(3) *Mill-1 ta' Jannar 2030, b'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, inkluż għall-prodotti distribwiti permezz tal-kummerċ elettroniku, fil-forom kif elenkati fil-paragrafu 1, biex iwasslu l-prodotti lil operatur ekonomiku ieħor* fl-istess Stat Membru *għandhom jiżguraw li imballaġġ bħal dan ikun riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid*."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-miri tal-użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport (u għall-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti) huma limitati għal sitwazzjonijiet fejn tali imballaġġ jintuża "fit-territorju tal-Unjoni". B'hekk, iż-żewġ operaturi, jiġifieri l-importaturi u d-distributuri, iridu jkunu jinsabu fl-UE. Fir-rigward tal-imballaġġ għat-trasport (u l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti) minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li dan ir-rekwiżit jinftiehem bħala li japplika mill-mument tal-importazzjoni, u t-tqegħid fis-suq, li jfisser li jkun lesta l-proċeduri tal-importazzjoni kollha meħtieġa u jitħalla jiċċirkola fis-suq tal-UE. Dan tipikament iseħħ fl-ewwel maħżen fl-UE.

Il-miri tal-użu mill-ġdid għandhom japplikaw għall-oġġetti importati fl-imballaġġ għat-trasport wara li jitqiegħdu fis-suq tal-UE. Dawn il-miri għandhom japplikaw mill-ewwel maħżen li jinsab fl-Unjoni sad-destinazzjoni finali fit-territorju tal-Unjoni, fejn l-ewwel maħżen ma jkunx id-destinazzjoni finali tal-kunsinna.

Għall-fini ta' din id-dispożizzjoni, l-"ewwel maħżen" tfisser il-faċilità fl-Unjoni fejn l-oġġetti fl-imballaġġ għat-trasport jaslu l-ewwel u jinħażnu u jiġu spakkjati għall-fini ta' distribuzzjoni ulterjuri fil-katina tal-provvista tal-UE.

Il-kunsinni li jaslu fl-ewwel maħżen u li jkunu destinati għal destinazzjoni finali waħda ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu spakkjati u ppakkjati mill-ġdid f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Iċ-ċentri tad-distribuzzjoni u ċ-ċentri tal-loġistika ma għandhomx jitqiesu bħala d-destinazzjoni finali.

20. **Operatur ekonomiku responsabbli għall-miri tal-użu mill-ġdid fuq l-imballaġġ għat-trasport**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29(1): "*Mill-1 ta' Jannar 2030, l-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport, jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport tal-prodotti, inkluż għall-prodotti distribwiti permezz tal-kummerċ elettroniku, fit-territorju tal-Unjoni, fil-forma ta' pallets, kaxxi tal-plastik li jintwew, kaxxi, trays, ċestuni tal-plastik, kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, bramel, ċilindri u kaxxetti ta' kwalunkwe daqs jew materjal, inklużi formati flessibbli jew tgeżwir tal-pallets jew ċineg għall-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-prodotti mqiegħda fuq il-pallets matul it-trasport, għandhom jiżguraw li mill-inqas 40 % ta' imballaġġ bħal dan b'kollox ikun imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid. Mill-1 ta' Jannar 2040, dawk l-operaturi ekonomiċi għandhom jagħmlu ħilithom biex jużaw mill-inqas 70 % tal-imballaġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu f'format riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-miri tal-użu mill-ġdid tal-imballaġġ għat-trasport huma stabbiliti fil-livell tal-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport jew l-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport.

Għalhekk, il-miri tal-użu mill-ġdid jaqgħu fuq l-utent tal-imballaġġ għat-trasport, jew fuq l-utent tal-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport. L-utent tal-imballaġġ għat-trasport jew l-utent tal-imballaġġ għall-bejgħ użat għat-trasport huwa l-operatur ekonomiku li jqiegħed prodott fis-suq tal-Unjoni f'imballaġġ għat-trasport rilevanti, kemm jekk ikun manifattur, importatur jew distributur.

21. **Eżenzjonijiet tal-imballaġġ għat-trasport iddisinjat apposta mill-miri tal-użu mill-ġdid**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29(4) jiddikjara: *"L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma japplikawx għall-imballaġġ għat-trasport jew għall-imballaġġ għall-bejgħ:*

(a) użat għat-trasport ta' oġġetti perikoluży skont id-Direttiva 2008/68/KE;

(b) użat għat-trasport ta' makkinarju, tagħmir u merkanzija fuq skala kbira li għalihom l-imballaġġ ikun iddisinjat apposta biex jaqbel mar-rekwiżiti individwali tal-operatur ekonomiku li għamel l-ordni."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 29(4)(b) jipprovdi eżenzjoni għall-imballaġġ użat għat-trasport ta' makkinarju, tagħmir u merkanzija fuq skala kbira li għalihom l-imballaġġ ikun iddisinjat apposta biex jaqbel mar-rekwiżiti individwali tal-operatur ekonomiku li għamel l-ordni. Il-makkinarju, it-tagħmir u l-komoditajiet fuq skala kbira jenħtieġ li jinftiehmu f'dan il-kuntest.

L-operaturi ekonomiċi li jridu jagħmlu użu minn din l-eżenzjoni jridu jipprovdu dokumentazzjoni xierqa li turi li l-imballaġġ huwa mfassal apposta għal prodott individwali. Jenħtieġ li din id-dokumentazzjoni tiġi pprovduta fid-dokumentazzjoni teknika għall-imballaġġ, u għandha tkopri kwalunkwe disinn, manifattura u tħaddim tal-imballaġġ meħtieġ biex tiġi aċċessata l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 29(4b).

22. **Definizzjoni ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni" fil-kuntest tal-konformità mal-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 29(6), "[*M*]*ill-1 ta' Jannar 2030, id-distributuri finali li jqiegħdu għad-dispożizzjoni x-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku fl-imballaġġ għall-bejgħ fit-territorju ta' Stat Membru lill-konsumaturi għandhom jiżguraw li mill-inqas 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid*".

L-Artikolu 3(11) jistabbilixxi li *"it-tqegħid għad-dispożizzjoni fit-territorju tal-Istat Membru tfisser kwalunkwe provvista tal-imballaġġ, kemm vojt jew bi prodott, għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fit-territorju tal-Istat Membru matul attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru*".

Distributur finali huwa definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (21), bħala *"il-persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista li twassal lill-utent finali prodotti fl-imballaġġ, inkluż permezz tal-użu mill-ġdid, jew prodotti li jkunu jistgħu jinxtraw permezz ta' mili mill-ġdid*".

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, distributur finali li jagħmel ix-xorb fl-imballaġġ għall-bejgħ disponibbli għall-konsumaturi għandu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikun ħanut tal-bejgħ bl-imnut jew bar u ristorant fis-settur tal-HORECA. Fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, id-distributur finali għandu jkun l-operatur ekonomiku li jagħmel ix-xarba fl-imballaġġ għall-bejgħ disponibbli għall-konsumaturi permezz ta' sit web.

It-tqegħid għad-dispożizzjoni ma għandux jirrikjedi t-tlestija reali tal-bejgħ tax-xarba f'imballaġġ għall-bejgħ lill-konsumatur. Għandu jkun biżżejjed li d-distributur finali joffri għall-bejgħ mill-inqas 10 % tax-xorb tiegħu f'imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża.

Ir-referenza għal "sistema ta' użu mill-ġdid" fl-Artikolu 29(6) tirreferi għar-rekwiżiti applikabbli għas-sistemi ta' użu mill-ġdid kif definiti fl-Anness VI, il-Parti A, tar-Regolament. Il-funzjonament tajjeb ta' tali sistema jinvolvi, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' arranġamenti xierqa ta' informazzjoni, wiri jew komunikazzjoni għall-konsumaturi, f'konformità mal-Artikolu 12(2), li jippermettu l-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-offerta ta' xorb f'imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża, bil-ħsieb tat-tqegħid effettiv tagħhom fis-suq u l-kummerċjalizzazzjoni.

Il-kalkolu sabiex jiġu kkalkolati l-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb għandu jiġi stabbilit f'att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 30(3).

23. **Il-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb fis-settur tal-HORECA**

Dispożizzjoni legali:

L-Artikolu 29(6), l-ewwel subparagrafu, il-PPWR jiddikjara:

"Mill-1 ta' Jannar 2030, id-distributuri finali li jqiegħdu għad-dispożizzjoni x-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku fl-imballaġġ għall-bejgħ fit-territorju ta' Stat Membru lill-konsumaturi għandhom jiżguraw li mill-inqas 10 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Ix-xorb mibjugħ f'kontenituri tax-xorb kbar li jistgħu jerġgħu jintużaw, bħal kegs tal-birra, lil bars u ristoranti (minn negozju għal negozju) li għandu jsir disponibbli għall-konsumaturi mill-operaturi tal-bars u tar-ristoranti (jiġifieri fis-settur tal-HORECA), ma jikkontribwix għall-miri tal-użu mill-ġdid applikabbli għall-operaturi tas-settur tal-HORECA. Tali xorb ma jkunx disponibbli għall-konsumaturi fl-imballaġġ għall-bejgħ. Huwa biss meta l-kontenitur kbir mimli li jista' jerġa' jintuża jkun disponibbli għal konsumatur li l-kontenitur tax-xorb jista' jikkontribwixxi għall-miri tal-użu mill-ġdid tad-distributur tax-xorb.

B'kuntrast għal dan, fil-każ ta' imballaġġ tax-xorb iżgħar, bħal fliexken li jistgħu jerġgħu jintużaw, dawn għandhom jingħaddu mal-miri tal-użu mill-ġdid, minħabba li huma imballaġġ għall-bejgħ u jistgħu jiġu pprovduti direttament lill-konsumaturi.

24. **Eżenzjonijiet nazzjonali mill-miri tal-użu mill-ġdid**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29(14) jistabbilixxi kundizzjonijiet kumulattivi li taħthom, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi fit-territorji tagħhom mill-miri tal-użu mill-ġdid għal perjodu ta' 5 snin. Dawn huma:

"(a) l-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni jilħaq 5 punti perċentwali aktar mill-miri għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ għal kull materjal li għandhom jintlaħqu sal-2025 u huwa mistenni li jilħaq 5 punti perċentwali ogħla mill-mira tal-2030 skont ir-rapport ippubblikat mill-Kummissjoni 3 snin qabel dik id-data;

(b) l-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni jkun fit-triq it-tajba biex jilħaq il-miri rilevanti għall-prevenzjoni tal-iskart kif stabbiliti fl-Artikolu 43 u jista' juri li jkun naqqas l-iskart iġġenerat mill-imballaġġ per capita b'mill-inqas 3 % sal-2028 meta mqabbel mal-iskart iġġenerat mill-imballaġġ per capita fl-2018; u

(c) l-operaturi ekonomiċi jkunu adottaw pjan korporattiv għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-prevenzjoni u tar-riċiklaġġ tal-iskart stabbiliti fl-Artikoli 43 u 52, rispettivament.

Dak il-perjodu ta' 5 snin jista' jiġġedded mill-Istat Membru, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha."

Il-miri tar-riċiklaġġ li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri huma stipulati fl-Artikolu 52. Il-miri huma stabbiliti għall-materjali tal-imballaġġ li ġejjin: karta u kartun, plastik, ħġieġ, injam, metall u aluminju.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

a) Il-possibbiltà li Stat Membru jaqbeż il-miri ta' riċiklaġġ kollha speċifiċi għall-materjal

L-użu tal-plural ("miri") jenħtieġ li jinftiehem fl-isfond li jeżistu diversi miri speċifiċi għall-materjal, iżda mhux dawn il-miri kollha jridu jinqabżu simultanjament biex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni.

Pereżempju, jekk il-mira tar-riċiklaġġ għall-aluminju tinqabeż fi Stat Membru partikolari, il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jitħallew inaqqsu x-xorb mibjugħ f'bottijiet tal-aluminju mill-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li jbigħu 10 % tax-xorb f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Il-bejjiegħa bl-imnut xorta se jkollhom jissodisfaw il-mira tal-użu mill-ġdid għax-xorb mibjugħ f'imballaġġ magħmul minn materjali oħrajn, bħal ħġieġ u plastik, iżda l-mira ta' 10 % titnaqqas b'mod proporzjonali għas-sehem ta' xorb mibjugħ f'bottijiet tal-aluminju.

b) Kundizzjonijiet rigward l-eżenzjoni li tapplika għall-imballaġġ kompost

Fil-każ ta' imballaġġ kompost, il-miri tar-riċiklaġġ rilevanti għall-materjali li jintużaw fl-imballaġġ iridu jinqabżu. Fil-prattika, jenħtieġ li jinqabżu l-miri tar-riċiklaġġ għall-materjali kollha li jirrappreżentaw aktar minn 5 % tal-piż tal-unità tal-imballaġġ.

c) Kundizzjonijiet relatati mal-mira għall-prevenzjoni tal-iskart

L-Istat Membru rispettiv irid ikun fit-triq it-tajba biex jissodisfa l-mira ġenerali għall-prevenzjoni tal-iskart għall-iskart kollu mill-imballaġġ iġġenerat fl-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni. Ma hemm l-ebda mira ta' prevenzjoni tal-iskart speċifika għall-materjal.

d) Kundizzjonijiet għat-tiġdid tal-eżenzjoni:

Jekk Stat Membru jrid ikompli juża l-eżenzjoni mill-miri tal-użu mill-ġdid wara 5 snin, jeħtieġ li jissodisfa l-miri tal-prevenzjoni tal-iskart fis-snin 2035 u 2040. L-intenzjoni tal-koleġiżlaturi, meta jippermettu l-possibbiltà li tiġġedded l-eżenzjoni, kienet li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jissodisfaw il-miri dwar l-użu mill-ġdid u li l-Istati Membri jkomplu jnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ skont il-miri ta' tnaqqis, kif stabbilit għas-snin 2035 u 2040. Jekk ikun hemm disponibbli data ġdida u japplikaw miri ġodda, jenħtieġ li dawn jiġu kkunsidrati fiż-żmien rilevanti, inkella l-objettivi tal-PPWR, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ, jistgħu jiġu kompromessi.

25. **Flessibbiltajiet tal-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri nazzjonali**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 4:

"1. L-imballaġġ għandu jitqiegħed fis-suq biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' imballaġġ li jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tat-tikkettar u tal-informazzjoni stipulati fl-Artikoli minn 5 sa 12 jew skonthom.

3. Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jżommu jew jintroduċu rekwiżiti tas-sostenibbiltà nazzjonali, jew rekwiżiti tal-informazzjoni addizzjonali ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawk ir-rekwiżiti ma għandhomx ikunu f'kunflitt ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq tal-imballaġġ li jikkonforma ma' dan ir-Regolament minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti nazzjonali."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-PPWR iħalli marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri f'xi kwistjonijiet jew jistabbilixxi biss rekwiżiti minimi jew jeħtieġ implimentazzjoni mill-Istati Membri għal dispożizzjonijiet li ma humiex armonizzati bis-sħiħ. Barra minn hekk, hemm skadenzi mdewma għall-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet.

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali diverġenti għall-imballaġġ qed ikollhom impatt kważi fuq kull settur ekonomiku u fuq il-katina tal-valur tal-prodott. Għalhekk, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-miżuri nazzjonali ma joħolqux ostakli sproporzjonati u mhux ġustifikati għall-kummerċ fis-suq intern jew distorsjonijiet kompetittivi.

L-applikazzjoni antiċipata tar-regoli armonizzati tal-UE, jiġifieri meta l-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni vinkolanti qabel l-iskadenzi armonizzati, b'mod partikolari jekk tali dispożizzjonijiet jirrikjedu li l-miżuri ta' implimentazzjoni jiġu adottati għall-ewwel darba fil-livell tal-UE, tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE u tal-Artikolu 288 tat-TFUE li jistabbilixxi l-prinċipju ta' applikabbiltà diretta tar-regolamenti. Tali antiċipazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tista' tkun permessa mill-qafas legali eżistenti (PPWD, Trattat), se jkollha tiġi revokata sa mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet armonizzati u tkun diġà konformi mal-marġni ta' diskrezzjoni kif previst fid-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament.

Fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti ta' sostenibbiltà li jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament, l-Artikolu 4(2) tal-PPWR jagħti assigurazzjoni lill-operaturi ekonomiċi li l-imballaġġ li jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament mhux se jkun ristrett milli jitqiegħed fis-suq minn xi regoli nazzjonali.

Jenħtieġ li l-Artikolu 4(3) tal-PPWR jiġi interpretat bħala li jirrestrinġi l-libertà tal-Istati Membri fl-azzjoni tagħhom u mhux bħala li jippermetti l-possibbiltà ta' deroga mir-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 4(2) tal-PPWR. Għalhekk, kwalunkwe rekwiżit nazzjonali ta' sostenibbiltà jew tikkettar ma jistax jirrestrinġi t-tqegħid fis-suq ta' imballaġġ li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u tikkettar skont il-PPWR, ma jistax ikun f'kunflitt ma' dawn ir-rekwiżiti, u ma jistax joħloq ostakli għas-suq intern.

Diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament jispeċifikaw il-marġni tas-setgħat tal-Istati Membri li jadottaw miżuri nazzjonali, jew jippermettu lill-Istati Membri jintroduċu eżenzjonijiet jew rekwiżiti addizzjonali. Dan huwa l-każ għad-dispożizzjonijiet dwar il-kompostabbiltà (l-Artikolu 9), ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti formati tal-imballaġġ (l-Artikolu 25(2) u (3), l-Artikolu 70(4), l-Anness V, il-punt 2, l-Artikolu 29), dwar il-miri tal-użu mill-ġdid (ara l-paragrafi 11, 12, 14, 15, 16), u l-Artikolu 33(6) dwar l-offerta ta' użu mill-ġdid.

Diversi dispożizzjonijiet ([30]) jeħtieġu implimentazzjoni nazzjonali (eż. biex tintlaħaq mira partikolari jew biex isir rapport) u huma taħlita ta' rekwiżiti kompletament armonizzati u possibbiltajiet għal flessibbiltajiet nazzjonali. Madankollu, il-kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn il-"flessibbiltajiet" huma dejjem "inkwadrati" b'kundizzjonijiet armonizzati u l-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' dawn il-kundizzjonijiet biex jikkonformaw mal-PPWR (ara l-punt 29 hawn taħt dwar il-miri tar-riċiklaġġ). Xi whud minn dawn id-dispożizzjonijiet fihom ukoll obbligi direttament applikabbli fuq l-operaturi ekonomiċi, pereżempju, l-Artikolu 31 dwar ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-miri tal-użu mill-ġdid.

26. **Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miri ta' riċiklaġġ addizzjonali**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 52(6): "*Filwaqt li josserva r-regoli ġenerali stabbiliti fit-TFUE u jaġixxi skont dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jadotta dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-miri minimi stipulati f'dan l-Artikolu.*"

L-Artikolu 4(3): "*Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jżommu jew jintroduċu rekwiżiti tas-sostenibbiltà nazzjonali, jew rekwiżiti tal-informazzjoni addizzjonali ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawk ir-rekwiżiti ma għandhomx ikunu f'kunflitt ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq tal-imballaġġ li jikkonforma ma' dan ir-Regolament minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti nazzjonali.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri ogħla ta' riċiklaġġ, kif ukoll oħrajn addizzjonali, diment li ma jdgħajfux is-suq intern. Xi Stati Membri diġà għandhom miri addizzjonali, pereżempju, għall-bord tal-imballaġġ likwidu.

Il-PPWR jirrifletti d-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (PPWD) preċedenti, li tat diskrezzjoni lill-Istati Membri f'termini tal-organizzazzjoni tal-immaniġġar tal-iskart tagħhom.

Miri addizzjonali ta' riċiklaġġ jistgħu jtejbu l-effiċjenza fil-katina tal-valur tal-iskart mill-imballaġġ u, għalhekk, huma ta' benefiċċju għall-operaturi ekonomiċi. Madankollu, l-Istati Membri jridu juru, fuq bażi ta' każ b'każ, li dawn il-miri ma jmorrux kontra l-objettivi tas-suq intern tal-PPWR.

27. **Flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid addizzjonali jew ogħla**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 29(15) jistabbilixxi: "*Soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 51, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri għall-operaturi ekonomiċi li jaqbżu l-miri minimi stipulati fil-paragrafi 1, 2, 3, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu sal-punt li tali miri ogħla jkunu neċessarji sabiex l-Istat Membru jilħaq waħda jew aktar mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 43.*"

([30]) L-Artikoli 13, 23, 31, 34, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54, 56, 57 58, 59, 60, 61, 62, 63, 67, 68.

L-Artikolu 29(16) jistabbilixxi: "*Soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 51, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri għall-operaturi ekonomiċi fir-rigward tax-xorb imqiegħed għad-dispożizzjoni f'imballaġġ għall-bejgħ li għalih ma japplikax il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, jekk dawk il-miri addizzjonali jkunu neċessarji sabiex l-Istat Membru jilħaq waħda jew aktar mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 43.*"

L-Artikolu 51 dwar l-użu mill-ġdid u r-rikarika jiddikjara:

(1) "L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' sistemi għall-użu mill-ġdid għall-imballaġġ b'biżżejjed inċentivi għar-ritorn u ta' sistemi għall-mili mill-ġdid b'mod ambjentalment korrett. Dawk is-sistemi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 27 u 28 u fl-Anness VI u ma għandhomx jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-konsumaturi.

(2) Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu: (…)

(c) l-obbligi fuq il-manifatturi jew id-distributuri finali biex iqiegħdu ċertu perċentwal ta' prodotti f'imballaġġ riutilizzabbli f'sistema għall-użu mill-ġdid jew permezz tal-mili mill-ġdid, għajr dawk il-prodotti koperti mill-miri tal-użu mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 29, bil-kundizzjoni li dak ma jwassalx għal distorsjonijiet fis-suq intern jew f'ostakli għall-kummerċ ta' prodotti minn Stati Membri oħrajn."

L-Artikolu 33(6), li huwa relatat mal-obbligu tal-offerta ta' użu mill-ġdid fis-settur tat-takeaway, jirreferi għall-Artikolu 51 fir-rigward tal-kundizzjonijiet li skonthom Stat Membru jista' jistabbilixxi miri li jmorru lil hinn mill-mira indikattiva minima tal-2030 ta' 10 % stabbilita fl-Artikolu 33(5) tal-PPWR għall-imballaġġ tat-takeaway "*sal-punt li huma meħtieġa miri oġħla għall-Istat Membru biex jilħaq wieħed jew aktar mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 43.*"

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Sabiex jintlaħqu l-miri għall-prevenzjoni tal-iskart fil-PPWR, l-Istati Membri jistgħu jkollhom bżonn jikkomplementaw il-miżuri tal-UE b'miżuri nazzjonali, bħal miri nazzjonali oġħla jew addizzjonali ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ. Madankollu, meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jeħtieġ li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet stretti:

(a) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 51, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet kumulattivi li jeħtieġ li jiġu ssodisfati biex jiżdiedu l-miri tal-użu mill-ġdid fl-Artikolu 29(15), jeħtieġ li jiġu ssodisfati wkoll għall-istabbiliment ta' miri ġodda tal-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 51(2)(c), li jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miri tal-użu mill-ġdid għal prodotti mhux koperti mill-miri tal-użu mill-ġdid li jinsabu fl-Artikolu 29. Dawn il-kundizzjonijiet huma li ġejjin:

— Il-miri l-ġodda huma meħtieġa biex l-Istat Membru jilħaq il-miri tiegħu għat-tnaqqis tal-iskart (b'5 % sal-2030; b'10 % sal-2035; bi 15 % sal-2040), li jrid juri bil-fatti u bid-data; u

— Il-miri l-ġodda ma jwasslux għal distorsjonijiet fis-suq intern jew għal ostakli kummerċjali għall-prodotti; u

— Il-miri l-ġodda jiġu nnotifikati permezz tal-proċedura tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Regolament Tekniku (TRIS, Technical Regulation Information System), li tistabbilixxi li l-Istati Membri jridu jinnotifikaw il-proposti leġiżlattivi tagħhom lill-COM biex jipprevjenu l-ħolqien ta' ostakli għas-suq intern, minħabba li tali miżuri huma regolamenti tekniċi.

L-Artikolu 51(2)(c) jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid għal prodotti mhux koperti mill-miri ta' użu mill-ġdid li jinsabu fl-Artikolu 29, u li ma humiex eżentati b'mod espliċitu fl-Artikolu 29, li jfisser, pereżempju, li jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid għas-settur tat-takeaway. Dan huwa permess espliċitament ukoll mill-Artikolu 33(6) tal-PPWR.

Għalhekk, jekk Stat Membru jrid jistabbilixxi miri nazzjonali ġodda għall-użu mill-ġdid f'setturi oħrajn jew għal formati jew prodotti tal-imballaġġ għajr dawk elenkati fl-Artikolu 29, jeħtieġ li juri li dan huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tiegħu għall-prevenzjoni tal-iskart. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tiġi inkluża meta Stat Membru jinnotifika tali miżuri fis-sistema ta' notifika tat-TRIS.

(b) Filwaqt li l-Artikolu 43 jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miri nazzjonali oghla għall-prevenzjoni tal-iskart mill-imballaġġ minn dawk stabbiliti fil-livell tal-UE ([31]), miri nazzjonali oghla għall-prevenzjoni ma jistgħux jintużaw bħala ġustifikazzjoni biex jiżdiedu l-miri armonizzati għall-użu mill-ġdid fil-livell tal-UE. Dan jirriżulta mill-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE fuq il-liġi nazzjonali minħabba li, inkella, l-objettiv tal-armonizzazzjoni tas-suq jista' jiġi kompromess mill-Istati Membri.

(c) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, l-Istati Membri ma jistgħux ibiddlu d-dispożizzjonijiet tal-UE direttament applikabbli u armonizzati. Dawn ma jistgħux:

— jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport, bħal kaxxi tal-kartun, li huma espressament eżentati mill-użu mill-ġdid skont il-PPWR, jew

— jagħmlu l-miri indikattivi ta' użu mill-ġdid għas-sena 2040, kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikoli 29(1), 29(5) u 29(6), vinkolanti.

28. **Eżenzjonijiet nazzjonali mis-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu (DRS, Deposit and Return Systems)**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 3(1), il-punt (62), jiddefinixxi "*sistema ta' rifużjoni tad-depożitu*" bħala "*sistema li fiha jiġi impost depożitu fuq l-utent finali meta jixtri prodott fl-imballaġġ jew mimli kopert minn dik is-sistema, u li jiġi rimborżat meta l-imballaġġ abbinat mad-depożitu jiġi rritornat permezz ta' wieħed mill-kanali ta' ġbir li huma awtorizzati għal dak l-għan mill-awtoritajiet nazzjonali*."

Skont l-Artikolu 50(1), "*Sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir separat ta' mill-inqas 90 % fis-sena skont il-piż tal-formati tal-imballaġġ li ġejjin li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru f'sena kalendarja partikolari:*

(a) fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' mhux aktar minn tliet litri; u

(b) kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss b'kapaċità ta' mhux aktar minn tliet litri."

L-Artikolu 50(2) jistipula li "*Sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu għall-formati rilevanti tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 u biex jiżguraw li d-depożitu jiġi impost fil-punt tal-bejgħ.*"

L-Artikolu 50(5) joffri lill-Istati Membri possibbiltà ta' eżenzjoni mill-obbligu fil-paragrafu 2 taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

"(a) ir-rata ta' ġbir separat kif meħtieġ skont l-Artikolu 48 tal-format tal-imballaġġ rilevanti kif sottomessa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 56(1), il-punt (c), hija 80 % jew oghla skont il-piż ta' imballaġġ bħal dan imqiegħed għad-dispożizzjoni fit-territorju ta' dak l-Istat Membru għall-ewwel darba fis-sena kalendarja 2026; u

(b) sal-1 ta' Jannar 2028, l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu għall-eżenzjoni u jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni li juri strateġija b'miżuri konkreti, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, li tiżgura l-kisba tar-rata tal-ġbir separat ta' 90 % skont il-piż tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafu 1."

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-PPWR ma jipprovdix kundizzjonijiet aktar laxki għall-bejjiegħa bl-imnut fir-reġjuni tal-fruntiera. Għall-kuntrarju, dan jimponi obbligi speċifiċi ([32]) fuq in-negozji transfruntieri biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni, li tista' timmina l-objettivi u r-rekwiżiti tas-sistema ta' rifużjoni tad-depożitu (DRS).

([31]) Ref. l-Artikolu 43(7) jiddikjara: "*Għall-fini tal-paragrafu 5, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart mill-imballaġġ li jaqbżu l-miri minimi stabbiliti fil-paragrafu 1, filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-PPWR.*"

([32]) L-Artikolu 50(11) jistipula: "*Sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas is-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu stabbiliti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi elenkati fl-Anness X.*"
(…)
"Sal-1 ta' Jannar 2038, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u tidentifika kif tista' tiġi massimizzata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu."
L-Anness X jistipula: "*L-Istati Membri b'reġjuni b'livell għoli ta' attivitajiet kummerċjali transkonfinali għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu jippermettu l-ġbir tal-imballaġġ mis-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu ta' Stati Membri oħrajn fil-punti tal-ġbir dežinjati u għandhom jagħmlu hilithom biex jippermettu l-possibbiltà ta' rifużjoni ta' depożitu li jkun ġie impost fuq l-utent finali meta jixtri l-imballaġġ.*"

Il-possibbiltà ta' eżenzjoni għall-Istati Membri skont l-Artikolu 50(5) tal-PPWR hija relatata mal-kriterji ta' prestazzjoni u mhux mal-kriterji ġeografiċi u, bħal kwalunkwe eċċezzjoni, trid tiġi interpretata b'mod restrittiv.

Iż-żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri l-impożizzjoni ta' depożitu u l-istabbiliment ta' DRS, huma kumulattivi minħabba li l-impożizzjoni ta' depożitu huwa impossibbli fin-nuqqas ta' DRS. Dan huwa sottolinjat fid-definizzjoni ta' sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu. Konsegwentement, distributur finali jista' jiġi eżentat biss mill-impożizzjoni ta' depożitu jekk l-Istat Membru, b'mod ġenerali, ikun kiseb eżenzjoni mill-istabbiliment ta' DRS. Fi kliem ieħor, id-distributur finali ma jistax jiġi eżentat milli jimponi depożitu jekk l-Istat Membru li fih ikun jinsab ikollu DRS u, għalhekk, huwa obbligat li jimponi depożitu fuq il-konsumaturi minn Stati Membri oħrajn.

29. **Rekwiżiti minimi għas-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu (DRS) eżistenti**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 50(11) tal-PPWR, l-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Jannar 2029, jiżguraw li mill-inqas id-DRS għall-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss u għall-kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi elenkati fl-Anness X.

L-Artikolu 50(11) jiddikjara wkoll li r-rekwiżiti minimi elenkati fl-Anness X ma għandhomx japplikaw għad-DRS stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tal-PPWR, u li jilħqu l-miri ta' 90 % stabbiliti fl-Artikolu 50(1) sal-1 ta' Jannar 2029. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li d-DRS eżistenti jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi fl-Anness X, meta jiġu rieżaminati għall-ewwel darba. Jekk il-mira ta' 90 % ma tintlaħaqx sal-1 ta' Jannar 2029, id-DRS eżistenti li jintużaw darba biss għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi fl-Anness X sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2035.

Il-Premessa (145) tispjega li r-rekwiżiti minimi fl-Anness X se jgħinu biex ikun hemm konsistenza akbar u rati ogħla ta' ritorn madwar l-Istati Membri. Dawn ġew stabbiliti abbażi tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, l-analiżi tal-esperti u l-aħjar prattiki mis-sistemi eżistenti ta' rifużjoni tad-depożitu.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Jenħtieġ li rieżami ta' DRS eżistenti jinftiehem bħala kwalunkwe azzjoni regolatorja stabbilita permezz tal-leġiżlazzjoni, li timponi bidla sostanzjali fid-DRS.

Ir-rekwiżiti minimi jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali tad-DRS, b'mod partikolari r-rata ta' ġbir. Qabel l-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk id-DRS tistax tkun mistennija li tissodisfa l-miri ta' ġbir separat ta' 90 % stabbiliti fl-Artikolu 50(2) meta jwettqu rieżami tad-DRS. Jekk id-DRS tikseb rati ta' ġbir separat ta' mill-inqas 90 %, din ma għandhiex għaliex tikkonforma mar-rekwiżiti minimi. Madankollu, jekk ma tagħmilx dan, jenħtieġ li l-Istat Membru jikkunsidra li jiżgura li d-DRS tikkonforma mar-rekwiżiti minimi fl-Anness X. Wara l-1 ta' Jannar 2029, DRS għall-imballaġġ tax-xorb li jintuża darba biss li ma tissodisfax l-obbligi ta' ġbir separat trid tikkonforma mar-rekwiżiti minimi sal-1 ta' Jannar 2035.

30. **Aċċettazzjoni mill-bejjiegħa bl-imnut ta' kontenitur tax-xorb abbinat ma' depożitu**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont il-Punt l, l-Anness X, *"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri finali jkunu obbligati jaċċettaw l-imballaġġ abbinat ma' depożitu tal-materjal u l-format tal-imballaġġ li jiddistribwixxu u li jipprovdu lill-utenti finali b'depożiti rimborżati meta l-imballaġġ abbinat ma' depożitu jiġi rritornat, sakemm l-utenti finali ma jkollhomx mezzi ugwalment aċċessibbli għar-rimborż tad-depożitu wara l-użu tal-imballaġġ abbinat ma' depożitu, permezz ta' wieħed mill-mezzi ta' ġbir li, għall-imballaġġ tal-ikel, jiżguraw ir-riċiklaġġ tal-grad tal-ikel u li huma awtorizzati għal dak l-għan mill-awtoritajiet nazzjonali. Dan l-obbligu ma japplikax meta l-erja tas-superfiċe tal-bejgħ ma tippermettix lill-utenti finali jirritornaw l-imballaġġ abbinat ma' depożitu. Madankollu, id-distributuri finali dejjem ser ikollhom jaċċettaw ir-ritorn tal-imballaġġ vojt tal-prodotti li jbigħu"*.

L-Artikolu 50(11) jistabbilixxi li *"Sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas is-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu stabbiliti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi elenkati fl-Anness X. Ir-rekwiżiti minimi elenkati fl-Anness X ma għandhomx japplikaw għas-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jilħqu l-mira ta' 90 % stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sal-1 ta' Jannar 2029. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li s-sistemi eżistenti ta' rifużjoni tad-depożitu li jintużaw darba biss jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi fl-Anness X meta jiġu rieżaminati għall-ewwel darba. Jekk il-mira ta' 90 % ma tintlaħaqx sal-1 ta' Jannar 2029, is-sistemi eżistenti ta' rifużjoni tad-depożitu li jintużaw darba biss għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi fl-Anness X sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2035"*.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Skont ir-rekwiżiti minimi għad-DRS kif stabbiliti fl-Anness X, id-distributuri finali jridu jaċċettaw imballaġġ vojt tal-prodotti li jbigħu u jifdu d-depożitu. Dan l-obbligu japplika mingħajr prova ta' xiri.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-distributuri finali jkunu obbligati jaċċettaw l-imballaġġ kollu abbinat ma' depożitu tal-istess materjal u format tal-imballaġġ li jbigħu u jħallsu d-depożitu lill-utent finali. L-obbligu ta' fidi tad-depożitu ma japplikax meta l-erja tas-superfiċje tal-bejgħ tad-distributur finali ma tagħmilhiex possibbli għad-distributur finali li jaċċetta r-ritorn tal-imballaġġ abbinat ma' depożitu, jew jekk l-utenti finali jkollhom mezzi ugwalment aċċessibbli biex jifdu d-depożitu permezz ta' mezz ta' ġbir ieħor stabbilit u ugwalment aċċessibbli għall-imballaġġ tax-xorb li jintuża darba biss, awtorizzat għal dak l-iskop. L-Istati Membri jridu jistabbilixxu kif japplikaw dawn l-eżenzjonijiet.

Ir-rekwiżiti speċifikati fl-Anness X japplikaw biss għad-DRS stabbiliti wara l-11 ta' Frar 2025 jew jekk DRS ma tilħaqx il-miri ta' ġbir separat ta' 90 % sal-1 ta' Jannar 2029. Konsegwentement, id-DRS li ma jridux jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ma humiex ikkonċernati mill-obbligi ta' teħid lura stabbiliti fil-PPWR.

31. **Trattament fi tmiem il-ħajja tal-imballaġġ miġbur separatament li huwa ddisinjat għar-riċiklaġġ**

Dispożizzjonijiet legali:

Skont l-Artikolu 48(1), *"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi u infrastrutturi biex jipprevedu r-ritorn u l-ġbir separat tal-iskart kollu mill-imballaġġ mill-utenti finali, u biex jiffaċilitaw it-tħejjija tiegħu għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja. L-imballaġġ li jikkonforma mal-kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament għandu jingħabar għar-riċiklaġġ. L-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills ta' tali imballaġġ għandhom jiġu pprojbiti, bl-eċċezzjoni ta' skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament sussegwenti ta' skart mill-imballaġġ miġbur separatament li għalih ir-riċiklaġġ ma jkunx fattibbli jew ma jwassalx għall-aħjar eżitu ambjentali"*.

L-Artikolu 48(2) jistabbilixxi li *"sabiex jiffaċilitaw r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistemi u infrastrutturi għall-ġbir u s-separazzjoni komprensivi biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ u jiżguraw li dik il-materja prima tal-plastik hija disponibbli għar-riċiklaġġ"*.

L-Artikolu 48(3) jiddikjara li *"L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu ta' ritorn u ġbir separat tal-iskart fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal ċerti formati ta' skart, diment li l-ġbir tal-frazzjonijiet ta' skart mill-imballaġġ flimkien, jew il-ġbir tal-iskart mill-imballaġġ jew frazzjonijiet ta' tali skart mill-imballaġġ flimkien ma' skart ieħor, ma jaffettwax il-kapaċità li tali imballaġġ jew frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ jgħaddu minn preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ jew għal operazzjonijiet oħrajn ta' rkupru u jiġġenera output minn dawk l-operazzjonijiet li huwa ta' kwalità komparabbli għal dak miksub permezz tal-ġbir separat"*.

L-Artikolu 49: *"Sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu objettivi obbligatorji għall-ġbir u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ġbir tal-materjali elenkati fl-Artikolu 52 ikun konsistenti mal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti f'dak l-Artikolu u mal-miri obbligatorji tal-kontenut riċiklat stabbiliti fl-Artikolu 7"*.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Skont l-Artikolu 48(1) tal-PPWR, l-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills tal-imballaġġ li jikkonforma mal-kriterji tad-Disinn għar-Riċiklaġġ (DfR, Design for Recycling) skont l-Artikolu 6 ma humiex permessi. Billi l-kriterji tad-DfR se jiġu stabbiliti fl-atti delegati speċifikati fl-Artikolu 6(4) sal-1 ta' Jannar 2028 u japplikaw sentejn wara, il-projbizzjoni se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2030.

L-imballaġġ tal-formati u tal-materjali li huma eżentati mill-kriterji tad-DfR huma wkoll eżentati mill-projbizzjoni fuq l-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills. L-eżenzjonijiet jinkludu materjali tal-imballaġġ bħal injam ħafif, sufra, tessuti, gomma, ċeramika, kina jew xama'. Hemm ukoll eżenzjonijiet għal ċerti applikazzjonijiet ta' imballaġġ, bħal apparati mediċi u t-trasport ta' oġġetti perikolużi. L-imballaġġ eżentat jista' jinġabar mal-iskart residwu u jiġi inċinerat jew mormi f'landfills. L-imballaġġ l-ieħor kollu li se jkollu jikkonforma mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ se jkollu jinġabar separatament u, fil-prinċipju, jiġi rriċiklat.

L-imballaġġ iddisinjat għar-riċiklaġġ mhux se jitħalla jiġi inċinerat jew mormi f'landfills meta jsir skart, ħlief għall-iskart mill-imballaġġ, li jkun inġabar, ġie sseparat u ttrattat separatament, iżda li r-riċiklaġġ tiegħu ma jkunx fattibbli jew ma jwassalx għall-aħjar eżitu ambjentali, kif speċifikat fl-Artikolu 48(1).

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-iskart mill-imballaġġ li ma jinġabarx separatament, kif deskritt hawn fuq, jiġi sseparat qabel l-operazzjonijiet ta' rkupru tal-enerġija biex jitneħħa l-imballaġġ iddisinjat għar-riċiklaġġ (l-Artikolu 48(4) tal-PPWR).

L-Artikolu 48(3) jippermetti deroga mir-rekwiżiti tal-ġbir separat, jekk, l-ewwel nett, tali ġbir ma jaffettwax il-kapaċità tal-iskart mill-imballaġġ jew il-frazzjonijiet tal-iskart mill-imballaġġ li għandu jiġi riċiklat u jekk, it-tieni, il-materjal riċiklat li jirriżulta jkun ta' kwalità komparabbli daqslikieku jkun inġabar separatament. Anki jekk tintuża deroga bħal din, il-projbizzjoni fuq l-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills xorta tapplika għall-iskart mill-imballaġġ miġbur minn flussi ta' taħlit tal-iskart mill-imballaġġ.

Huwa l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi u infrastruttura suffiċjenti biex jipprevedu l-ġbir separat tal-iskart kollu mill-imballaġġ. Sabiex jiġi ffaċilitat li l-ġbir tal-iskart mill-imballaġġ ikun konsistenti mal-miri vinkolanti tar-riċiklaġġ u mar-rekwiżiti għall-kontenut riċiklat, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu wkoll objettivi obbligatorji tal-ġbir sal-1 ta' Jannar 2029.

32. **Rata ta' ġbir separat tal-imballaġġ abbinat ma' depożitu fl-2026 u obbligu li tiġi stabbilita DRS sal-2029**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 50(1) jiddikjara li *"sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir separat ta' mill-inqas 90 % fis-sena skont il-piż tal-formati tal-imballaġġ li ġejjin li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru f'sena kalendarja partikolari: (a) fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss li jesgħu sa tliet litri; u (b) kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss li jesgħu sa tliet litri"*.

L-Artikolu 50(2) jistabbilixxi li *"sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu għall-formati rilevanti tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 u biex jiżguraw li d-depożitu jiġi impost fil-punt tal-bejgħ"*.

L-Artikolu 50(5) jiddikjara li *"l-Istati Membri jistgħu jkunu eżentati mill-obbligu skont il-paragrafu 2 jekk:*

(a) ir-rata ta' ġbir separat kif meħtieġ skont l-Artikolu 48 tal-format tal-imballaġġ rilevanti kif sottomessa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 56(1), il-punt (c), hija 80 % jew ogħla skont il-piż ta' imballaġġ bħal dan imqiegħed għad-dispożizzjoni fit-territorju ta' dak l-Istat Membru għall-ewwel darba fis-sena kalendarja 2026; u

(b) sal-1 ta' Jannar 2028, l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu għall-eżenzjoni u jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni li juri strateġija b'miżuri konkreti, inkluża l-iskeda ta' żmien tagħhom, li tiżgura l-kisba tar-rata tal-ġbir separat ta' 90 % skont il-piż tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafu

Huwa speċifikat ukoll li, għall-finijiet tal-punt (a), meta l-informazzjoni dwar ir-rata tal-ġbir separat tal-forma ta' imballaġġ rilevanti tkun għadha ma ġietx ippreżentata lill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi spjegazzjoni motivata dwar kif il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti f'dan il-paragrafu huma sodisfatti mod ieħor. Dik l-ispjegazzjoni motivata għandha tkun ibbażata fuq data nazzjonali vvalidata u tinkludi deskrizzjoni tal-miżuri implimentati".

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

L-Istati Membri jridu jiżguraw li 90 % tal-fliexken tal-plastik u tal-kontenituri tal-metall li jintużaw darba biss, kif speċifikat fl-Artikolu 50(1), jinġabru separatament sal-1 ta' Jannar 2029. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri ta' ġbir, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu stabbilew sistema ta' rifużjoni tad-depożitu (DRS) għall-formati tal-imballaġġ rilevanti, li tkun kompletament operattiva sal-1 ta' Jannar 2029, sakemm l-Istat Membru ma jkunx talab eżenzjoni sal-1 ta' Jannar 2028 u ma jkunx irċieva tweġiba pożittiva jew ma jkun irċieva l-ebda tweġiba fi żmien 3 xhur minn meta jirċievi l-pjan ta' implimentazzjoni.

Jekk l-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti kumulattivi għal eżenzjoni mill-istabbiliment ta' DRS stipulati fl-Artikolu 50(5), huma jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu li jistabbilixxu DRS. Jekk Stat Membru jkun jixtieq juża dik l-eżenzjoni, jeħtieġ li jiġbor separatament 80 % tal-fliexken tal-plastik u l-kontenituri tal-metall li jintużaw darba biss magħmula disponibbli fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fis-sena kalendarja 2026. Dan għandu jiġi rrapportat lill-Kummissjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2028. Tali data tkun ibbażata fuq ir-rati ta' ġbir stmati, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu d-data disponibbli għall-ġbir ta' fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss kif meħtieġ skont is-SUPD. Jekk l-Istat Membru ma jissodisfax il-mira ta' ġbir ta' 80 %, dan ma jikkwalifikax għal eżenzjoni. Skont il-PPWR, Stat Membru jrid jippreżenta wkoll pjan ta' implimentazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2028. Hija l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li l-għażla għal eżenzjoni għandha titqies bħala "għażla ta' darba". Jekk Stat Membru ma japplikax għal eżenzjoni skont id-dispożizzjonijiet u d-dati stabbiliti fl-Artikolu 50, dan irid jistabbilixxi DRS.

Jekk Stat Membru jkun irċieva eżenzjoni u ma jiġborx separatament 90 % tal-imballaġġ tax-xorb li jintuża darba biss għal 3 snin konsekuttivi, l-eżenzjoni ma tibqax tapplika, kif speċifikat fl-Artikolu 50(7) tal-PPWR. Imbagħad, l-Istat Membru jkollu jistabbilixxi DRS sal-1 ta' Jannar tat-tieni sena kalendarja wara s-sena li fiha l-Kummissjoni tkun innotifikat lill-Istat Membru li l-eżenzjoni ma għadhiex tapplika.

33. **Il-mira ta' ġbir ta' 90 % tal-Istati Membri għal fliexken tax-xorb tal-plastik u bottijiet tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss u l-kontribut ta' skemi reġjonali ta' rifużjoni tad-depożitu**

Dispożizzjonijiet legali:

L-Artikolu 50(1) jiddikjara li *"sal-1 ta' Jannar 2029, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir separat ta' mill-inqas 90 % fis-sena skont il-piż tal-formati tal-imballaġġ li ġejjin li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru f'sena kalendarja partikolari: (a) fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss li jesgħu sa tliet litri; u (b) kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss li jesgħu sa tliet litri"*.

L-Artikolu 50(2) jistabbilixxi li *"sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu għall-formati rilevanti tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 u biex jiżguraw li d-depożitu jiġi impost fil-punt tal-bejgħ"*.

Interpretazzjoni tal-Kummissjoni:

Il-miri ta' ġbir separat ta' 90 % għall-fliexken tax-xorb tal-plastik u l-kontenituri tax-xorb tal-metall li jintużaw darba biss fl-Artikolu 50(1) japplikaw għall-Istat Membru kollu u huma bbażati fuq il-kwantità ta' tali formati ta' imballaġġ li jsiru disponibbli fit-territorju ta' Stat Membru f'sena.

Il-fliexken tax-xorb tal-plastik u l-kontenituri tax-xorb tal-metall kollha li jintużaw darba biss, ħlief dawk eżentati espressament minn dan l-obbligu mill-Artikolu 50(4), huma meħtieġa li jkunu parti minn DRS. L-Istati Membri jridu jiżguraw li t-territorju kollu tagħhom ikun kopert mill-ġbir separat għal dawn il-formati tal-imballaġġ, iżda jistgħu jimplimentaw skemi ta' DRS f'livell subnazzjonali biex iqisu d-diviżjonijiet amministrattivi nazzjonali rilevanti u t-territorji ekstra-Ewropej.